# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

OTTUBRU 2003 • IT-23 SENA • GĦADD 233 • *NEWSPAPER POST*



San Franġisk u l-Madonna p. 8

Dun Ġorġ u l-Misteri tad-Dawl p. 10













# Werrej


**3** **Inġibu lura li tlifna**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

**4** **Eliżew: Profeta dħuli**
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*

**6** **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**8** **Il-qima ta' San Franġisk lejn Omm Ġesù**
*minn Br Hayden Williams OFMCap*

**10** **Dun Ġorġ u l-Misteri ġodda tar-Rużarju**
*minn John Formosa SDC*

**13** **Djakonija u Qadi**
*minn P. Frans Abela OFMCap*

**14** **B'żewġ sigaretti kuljum tista' żżomm tifel jew tifla għal sena sħiħa**
*minn P. Joe Galea OFMCap*

**15** **Ordinazzjoni Presbiterali**

**16** **Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (8)**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

**18** **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**19** **San Franġisk ta' Assisi Patrun ta' l-annimali u l-ekoloġija**
*minn Marika J. Gauci GiFra*

**20** **Via Sagra Missjunarja**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

**22** **Il-Kuruna Franġiskana**
*minn P. Joe Buttigieg OFMCap*

**23** **Nitkellmu ma' P. Silvestru Bonavia**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

**24** **Ġurnata Missjunarja 2003**

**25** **Aħbarijiet Kapuċċini**

**27** **Dell mill-imgħoddi**
*minn Jeanette Falzon*

**30** **Il-Missjunarju**
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

**30** **Tisliba** *minn P. Wistin Attard OFMCap*

**31** **"Ejjew u taraw"**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*



## DAWL FRANĠISKAN

**OTTUBRU 2003**
**It-23 sena • Għadd 233**




**Qoxra 1:**
***San Franġisk fuq sfond tat-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija, pittura li tinsab fil-Kappella tal-Porziuncola f'Assisi.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Noel Pace
Robbie Mamo
Fabian Marston GiFra



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA – 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. – 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

minn P. Joe Alessandro OFMCap

# Inġibu lura li tlifna

Il-vaganzi tat-tfal mill-iskola għaddew u magħhom għadda nistgħu ngħidu ż-żmien tas-sajf. Nittama li kellkom żmien ta' mistrieħ minkejja l-ħafna sħana li kellna matul dan is-sajf.

Issa li kważi bdejna r-ritmu normali tax-xogħol, ta' l-iskola u tal-ħajja tal-familja, tajjeb li nagħtu ħarsa lura u nevalwaw kif għaddejna x-xhur tas-sajf.

Jiena żgur li lkoll kemm aħna kellna affarijiet pożittivi u li għenuna fir-relazzjonijiet soċjali tagħna u li permezz tagħhom sirna nafu aktar nies. Kien hemm ukoll mumenti fejn stajna napprezzaw aktar il-mistrieħ kif ukoll fejn stajna konna solidali ma' oħrajn fil-bżonn billi, b'ġenerożità, offrejna ftit ħin għall-volontarjat. Kellna wkoll ħafna festi li fihom fraħna ma' qraba u ħbieb li forsi kollna ilna ma narawhom. U nistgħu nibqgħu sejrin b'lista ta' affarijiet pożittivi bħal dawn.

Jista' jkun li f'affarijiet oħra morna lura u minħabba fihom tlifna s-serħan tal-moħħ u tal-qalb. Allura, tajjeb li naraw xi tlifna f'dan is-sajf ħalli nerġgħu nġibuh lura.

L-ewwel ħaġa li ser inġibu lura hija s-siegħa rqad li tlifna minħabba li konna mexxejna l-arloġġ 'il quddiem. Iżda din la titlob sforz kbir u lanqas hija daqshekk importannti. Wisq iżjed importanti li nġibu lura u li jitolbu aktar sforz huma dawk l-affarijiet li jeffettwawna fil-ħajja personali tagħna bħala nsara. Jista' jkun li tlifna mumenti ta' talb weħidna, jew fil-familja jew fi ħdan xi għaqda. Forsi ħadna vaganza wkoll fil-ħwejjeġ tar-ruħ u minħabba f'hekk naqqasna jew qtajna l-kuntatt ma' Alla, u allura tlifna dik il-qawwa u l-enerġija li jiġu mir-rabta tagħna mal-Mulej u mal-Kelma tiegħu. Jista' jkun li naqqasna mill-frekwenza tas-sagrament tal-qrar, tat-tqarbin u forsi wkoll mis-smigħ tal-quddies l-aktar tal-Ħadd. Jista' jkun ukoll li forsi illaxkajna fil-ħars u fil-ħsibijiet tagħna minħabba li sibna rwieħna f'okkażjonijiet ta' tfixkil. Jista' jkun li żammejna xi ħbiberiji li setgħu dgħajfu l-fedeltà tagħna mhux biss lejn il-Mulej imma forsi anke lejn il-familja u ż-żwieġ.

Hu x'inhu l-każ, inqiegħdu quddiem il-Mulej kemm il-mumenti pożittivi kif ukoll id-dgħjufija tagħna u, għal ta' l-ewwel irroddulu ħajr u nfaħħruh, u għal ta' l-aħħar nitolbuh maħfa u l-għajnuna biex mill-ġdid nerġgħu nġibu lura dak li tlifna.

Ejjew inħarsu 'l quddiem b'kuraġġ fl-għajnuna u fil-grazzja ta' Alla, u nerġgħu naqbdu r-ritmu tal-ħajja normali ta' familja, xogħol, studju, impenn f'għaqdiet, sagramenti u għaqda aktar mill-qrib ma' Alla fit-talb. ❑



minn Mons. Lawrenz Sciberras

# ELIŻEW
# Profeta dħuli


Eliżew ikattar mirakolużament il-ħobż

Fis-sens storiku u reliġjuż Elija u Eliżew huma l-imgħallem u d-dixxiplu, jixbhu ħafna u mill-qrib lil Mosè u Ġożwè. Nistgħu ngħidu li wieħed jaf il-missjoni tiegħu grazzi għall-ieħor. Eliżew wettaq il-missjoni tiegħu ta' profeta fis-saltna ta' fuq, f'Iżrael. Ma hemm ebda ktieb li jġib ismu għaliex ġrajjiet dan il-profeta bħal dawk ta' sieħbu Elija qegħdin fiż-żewġ kotba tas-Slaten. Xejn ma kienet waħda faċli u ħafifa għal Eliżew li jgħallem f'isem Alla, anzi bosta drabi kellu jħabbat wiċċu ma' slaten krudili.

Eliżew kien iben Safat mit-tribù ta' Iżakkar. Isem dan il-profeta jidher għal 97 darba u jfisser Alla huwa s-salvatur. Fit-Testment il-Ġdid isem Eliżew jissemma biss darba fl-Evanġelju ta' Luqa.

## Ħajja sempliċi u siekta

Eliżew kien imdorri jgħix fil-ħajja sempliċi tar-raba', mela mifluħ għal kull xorta ta' djalogu ma' sħabu. Feraħ ħafna bis-sejħa li għamillu Alla permezz ta' Elija u laqagħha bil-qalb. Tant hu veru li Eliżew "qabad żewġ gniedes, qatilhom u offriehom sagrifiċċju. U bl-għodda tal-ħrit sajjar il-laħam, qassmu lin-nies u kielu, u hu mar wara Elija u beda jservih" (1 Slat 19, 21). Ta' min jirrifletti li Eliżew dam jipprofetizza għal madwar nofs seklu, minn żmien Ġoram (852-841) sa żmien Ġowas (798-783), għalhekk wieħed jista' faċilment jikkonkludi li meta Eliżew ġie msejjaħ għall-profetiżmu kien għadu żagħżugħ.

Elija meta dilek lil Eliżew għamel l-akbar biċċa xogħol ta' ħajtu, għaliex irnexxielu jbiddel il-ħajja sempliċi ta' bidwi jaħrat bi tnax-il żewġ barri, f'ħajja ta' profeta (1 Slat 19, 19). Il-għażla ta' Eliżew bħala profeta kienet ta' ħtieġa l-aktar kbira għaliex hekk il-missjoni profetika ta' Elija setgħet titkompla fi żgur. Għalkemm mibdul, imma Eliżew baqa' bniedem prattiku li jifhem il-problemi tan-nies komuni u għalhekk kien dejjem jgħinhom. Riżultat ta' hekk, it-tagħlim u l-profeziji ta' Eliżew kienu dejjem jiġu aktar milqugħa b'qalb kbira u miftuħa beraħ mingħajr ebda riservatezza.

Ta' min jinnota li l-akbar għadd ta' għajnuniet u mirakli li għamel Eliżew kienu man-nies fqar, romol u morda. Hekk dik il-mara armla u fqira imliet biż-żejt ġarar kbar (2 Slat 4, 1-7). Eliżew qajjem lil bin is-Sunanija li din ma kellhiex għajr dak l-iben tagħha (2 Slat 4, 8-11). Miraklu ieħor li għamel Eliżew kien lin-nies ta' Gilgal billi ipprovdielhom l-ikel ( 2 Slat 4, 38-44).

Imma Eliżew mhux biss ma' l-Iżraelin għamel il-mirakli u għenhom imma wkoll ma' nies barranin. Ta' min isemmi hawn kif Eliżew ressaq lill-ġeneral ta' l-eżerċtu ta' Damasku li kien jismu Nagħman. Dan kien marid bil-lebbra u Eliżew bagħtu jinħasel għal seba' darbiet fil-Ġordan. U ġisem Nagħman reġa' ndaf bħal dak ta' tarbija. Meta dan l-

imfejjaq ried joffri xi rigali bħala ringrazzjament għall-fejqan tiegħu Eliżew irrabja ħafna u qallu li dan kollu kien ġej mingħand Alla ta' Iżrael.

## Karattru nobbli u sensittiv

Il-karattru ta' dan Eliżew kien wieħed imżewwaq ħafna. Billi kien imdorri fil-miftuħ tal-ħajja, quddiem il-problemi tant kien iħoss li ta' sikwit jaqbiżlu d-dmugħ. Hekk ġara lil Eliżew meta dan sab ruħu wiċċ imb'wiċċ ma' Benħadad sultan ta' Damasku: "U waħħal ħarstu fih u baqa' ċass sakemm beda jistħi, u l-bniedem ta' Alla nfexx jibki" (2 Slat 8, 11). Eliżew kellu simpatija lejn kulħadd, imma l-aktar lejn min ikun dgħajjef u msejken, bħalma kienu jgħixu r-romol fi żmienu li ma kellhomx għaxja ta' lejla. Hekk għamel Eliżew mal-armla meta fawwarha biż-żejt.

Dan il-bniedem kellu fiduċja għamja f'Alla u li dan jista' jagħmel għeġubijiet l-aktar kbar. Anke meta kollox donnu kien jidher li huwa kontra tiegħu, Eliżew ittama u ma baqax mhux mismgħuh. Hawn ta' min ifakkar meta xeħet il-melħ fl-ilma morr u tejjeb l-ilma kollu (2 Slat 2, 21). Illum min imur Ġeriko għadu jista' jara din l-għajn naturali li minnha jgelgel bi kwantitajiet kbar ilma nadif, ġieri u firsk. L-isem ta' din il-għajn huwa preċiżament għall-profeta: Għajn Eliżew.

## Ta' pariri siewja

Fil-Bibbja hemm rakkont li juri kemm dan Eliżew kien bniedem kapaċi jagħti parir siewi ukoll lill-istess slaten kemm f'Iżrael kif ukoll ta' Ġuda (2 Slat 6). Din kienet kwistjoni ta' importanza kbira u tqila, għaliex skond li wieħed jagħmel kien se jirbaħ jew jitlef il-gwerra. Eliżew għalhekk irnexxielu bil-mod il-mod ibiddel bosta ħwejjeġ fis-saltna ta' Iżrael favur dak li kien tajjeb u onest. Huwa bħal bidwi għaqli kien jaf jistenna bil-paċenzja sakemm jirnexxilu jieħu dak li jkun ħadem ħafna għalih.

Fuq kollox Eliżew wiret ħafna mill-ħajja spiritwali ta' l-imgħallem tiegħu Elija. Il-mantar li wiret mingħand Elija huwa simbolu ċar ta' din l-ispiritwalità unika ta' Elija. Eliżew ma kienx profeta tan-nar, profeta aħrax, imma bil-maqlub, huwa kien jaf jifhem, jagħder u jħobb lil dawk kollha ta' madwaru. Kien minħabba dan il-karattru doċli li Eliżew sar tant maħbub minn dawk kollha ta' madwaru.

## PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA




Mons. Lawrenz Sciberras, kontributur regolari fir-rivista tagħna, għadu kemm ippubblika ktieb bl-isem **Il-Festi Liturġiċi tal-Madonna**. Permezz ta' din l-kitba, Mons. Sciberras jagħtina għodda verament tajba biex aħna nifhmu dak li nagħmlu jew aħjar dak li ngħixu meta niċċelebraw xi festa marjana. Kull ċelebrazzjoni marjana tgħinna u twassalna biex insibu il-"ġawhra prezzjuża" - KRISTU.

L-awtur jagħmel dan billi jiġbor flimkien l-għaxar festi marjani prinċipali u, barra li jagħtina tifsira sabiħa tal-passaġġ bibliku ta' kull festa, iżewwaq dan kollu b'tagħrif dwar l-ambjent u l-użanzi Lhud. Ma jonqosx it-tagħlim meħud mill-kitbiet u l-omeliji tas-Santi Padri li kienu huma li fetħulna t-triq biex inħarsu lejn Marija b'ħarsa speċjali.

Il-ktieb ta' 144 paġna huwa mitbugħ fil-*Gozo Press*, Għajnsielem, Għawdex.

Ħareġ **Kliem il-Ħajja** għal Settembru-Diċembru 2003. Għal matul dawn ix-xhur il-qari u riflessjonijiet huma mill-kotba ta' Ġeremija, Esdra u Neħemija, tal-Makkabin, kif ukoll meditazzjonijiet fuq il-virtù tal-fidi f'tant nisa li jissemmew fil-Bibbja.

**Kliem il-Ħajja** huwa pubblikazzjoni tal-Franġiskani Kapuċċini, bid-Direttur Ġenerali P. Donat Spiteri OFMCap u P. Martin Micallef OFMCap bħala Editur.




L-abbonament għal sena (tliet ħarġiet) huwa ta' Lm1 biss - Uffiċċju Kliem il-Ħajja, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14, Tel. 21225525 / 21234949.

Din il-pubblikazzjoni tiġi stampa fil-*Veritas Press*, Ħaż-Żabbar.

minn P. William Axiaq OFMCap




***Biex ħajjitna qatt ma tkun bħal rima infantili, mingħajr sens, reċitata minn idjota, kif jgħid tajjeb William Shakespeare f'waħda mill-plays tiegħu, irridu nieqfu u naħsbu, iżjed u iżjed illum il-ġurnata meta ninsabu f'dinja ta' distrazzjonijiet kbar. Se nirriflettu fuq il-ħsibijiet li ġejjin biex ħajjitna ma tkunx hekk imma tkun ġrajja mimlija sens.***

## 1 ATTEĠĠJAMENT MISĦUT TA' ĊERTI OMMIJIET

Spiċċa s-sajf u l-ħajja terġa' taqbad ir-ritmu tagħha tas-soltu. Malli tiftaħ l-iskola, tiftaħ ukoll il-klassi tad-duttrina, speċjalment għat-tfal li s-sena d-dieħla se jagħmlu l-ewwel tqarbina jew se jirċievu s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.

Ħafna drabi huma l-ommijiet li jwasslu lil uliedhom kuljum jew spiss matul il-ġimgħa, bil-mixi jew bil-karozza, għall-klassi tad-duttrina nisranija f'dak iċ-ċentru jew l-ieħor ta' dik il-parroċċa jew l-oħra. Hawn minn



jeħodhom fl-istess parroċċa fejn tinsab ir-residenza permanenti tagħhom. Hemm oħrajn li għadhom marbutin mal-belt jew mar-raħal mnejn ikunu tbiegħdu u, peress li jkunu ta' spiss għand il-ġenituri tagħhom, jippreferixxu jieħdu lil uliedhom għat-tagħlim tad-duttrina fil-parroċċi fejn darba attendew huma meta kienu żgħar.

Fost dawn l-ommijiet li qiegħed nitkellem minnhom issib lil dawk li jieħdu 'l uliedhom bil-qalb, ħalli jitgħallmu fuq ir-reliġjon li jistqarru, u hemm oħrajn li l-mawra ta' spiss ma' wliedhom għad-duttrina jarawha żejda u għandhom seba' mitt sena sakemm dawn ifittxu jagħmlu l-Preċett jew il-Griżma, ħalli dan il-ħafna skariġġ jispiċċa darba għal dejjem u jieħdu r-ruħ.

L-ommijiet li għandhom dan l-atteġġjament fuqhom, jiġifieri li jieħdu b'nofs qalb lil uliedhom għat-tagħlim tad-duttrina mhux qed jagħmlulhom ġid lil uliedhom, iżjed u iżjed meta qatt ma jsaqsuhom x'qegħdin jitgħallmu u humiex jieħdu gost li qegħdin imorru jitgħallmu fuq Ġesù u l-ħwejjeġ tas-sema. It-tfal jindunaw li ommhom qed tmur kontra qalbha magħhom għall-katekiżmu.

Meta qegħdin ngħixu fi żmien li fih ma tantx hawn ħerqa għat-tagħlim dwar il-fidi nisranija, ċerti ġenituri għandhom bżonn ibiddlu d-dispożizzjoni tagħhom ta' disinteress fir-reliġjon, ħalli jtellgħu tfal iħobbu ħafna jitgħallmu fuq id-din tagħhom u 'l quddiem ikunu kapaċi jitkellmu fuqha.

L-atteġġjament negattiv ta' ċerti ommijiet li qiegħed nitkellem dwarhom isir iżjed allarmanti meta nindunaw li dawn, biex jieħdu lil uliedhom għad-duttrina nisranija jagħmluha bi kbira u jiddejqu, imma biex jeħduhom għal-lezzjonijiet tal-*ballet*, tal-pjanu, taż-żfin, jew biex iwassluhom san-*nurseries* tal-futbol jew imorru magħhom għal xi *tournament* la jiddejqu u lanqas jarawh żejjed dan l-iskariġġ.

***Mulej, agħmilni omm kapaċi nagħraf l-importanza tar-reliġjon fil-ħajja ta' wliedi u bl-imġiba tiegħi nagħtihom x'jifhmu li għandhom dejjem jagħtuha preferenza fuq suġġetti u attivitajiet artistiċi u sportivi li jkunu qegħdin jitgħallmu u jitħarrġu fihom.***

## 2 IMĠIEBA MMORALI MAT-TURISTI

It-turisti jiġu pajjiżna matul is-sena kollha, imma l-iżjed li jfittxu l-gżejjer tagħna fis-sajf. Ir-raġuni nafuha biżżejjed. Ħafna minn dawn it-turisti jkunu tat-tajjeb u mhux se joqogħdu jħaddmu kontinwament il-*calculator* biex jaraw kemm nefqu u ma nefqux, jew biex jaraw humiex jisirquhom jew le.



Ma' dawn it-turisti, xi wħud mis-sewwieqa tal-karozzi tal-linja qed jimxu b'subgħajhom dritt, imma oħrajn qed jimxu magħhom b'mod u manjiera inġusti. Peress li ċerti turisti ma jidrawx mill-ewwel il-flus tagħna, xi sewwieqa jieħdu l-okkażjoni biex jipprofittaw ruħhom mhux kif suppost. Dan jiġri billi jeħdulhom flus iżjed milli suppost u ġieli b'mod esaġerat.

Serq sfaċċat bħal dak li qiegħed nitkellem minnu, barra li jmur kontra s-seba' kmandament, qed jagħmel riklam ħażin lill-art twelidna li trid tgħix ekonomikament b'turiżmu estern. It-turisti wara ftit jitgħallmu s-sistema tal-flus tagħna u jsiru jafu wkoll kemm huwa l-*fare* tax-xarabank minn lokalità għal oħra. Meta jindunaw li xi sewwieqa kienu qegħdin iżommulhom iżjed milli suppost, jibqgħu ħażin ħafna.

L-awtorità kompetenti meta se tibda tieħu ħsieb bis-serjetà kollha dawn l-abbużi?

***Mulej, agħmel li qatt ma nabbuża mill-ġustizzja soċjali fix-xogħol tiegħi ta' sewwieq fit-trasport pubbliku.***

## 3 DIFETT NAZZJONALI

Ma nistax ngħid li nifhem x'inhu mija fil-mija n-natural tal-poplu Malti fil-maġġoranza tiegħu. Minn dak li nosserva, iżda, nasal biex ngħid li ħafna mill-Maltin u mill-Għawdxin huma eċċessivi f'dak kollu li jagħmlu. Qegħda fihom li jġibu ruħhom hekk.

Per eżempju, nieħdu l-logħob tan-nar fil-festi ta' l-ibliet u l-Irħula tagħna. Fih ma għandniex sens ta' proprozjon imma sens ta' esaġerazzjoni. In-nar u l-murtali ma jibbastawx jieqfu. Jekk il-logħob tan-nar huwa arti, kif fil-fatt hu, biex tieħu pjaċir tarah irid ikollu sens ta' qjies inkella jitlef il-preġju artistiku tiegħu.

Niġu għall-ikel. Anki hawnhekk, ħafna nies mill-poplu tagħna jridu platti mimlijin, speċjalment fejn jidħol l-għaġin. Ħafna jridu jiffangaw u mhux jieklu. Fl-ikel trid tieħu kemm għandek bżonn u mhux kemm tista' ddeffes fl-istonku tiegħek ddefsu.



Anki fl-ammont ta' l-ikel tidħol l-arti. Fil-każ, fil-platt titfa' ftit u mbagħad ħalli terġa' tieħu. Il-fond tal-platt ma jeżistix għalxejn. Dak il-fond mhux suppost tiskorrih meta titfa' l-ikel. Ħafna Maltin dan l-*etiquette* fuq il-mejda jarawh bla sens. Imma mhuwiex hekk.

Xi ngħidu għat-tiżjin fid-djar? Ħafna nisa tad-dar ma jkunux kuntenti jekk id-dar ma tkunx mimlija daqs bajda. Anki hawnhekk mhemmx sens ta' proprozjon imma ta' guffaġni li tweġġagħlek għajnejk. Ma tibqax kapaċi titpaxxa b'dak li jaqa' taħthom u, meta tkun tifhem, titlef l-interess.

Xi ngħidu mbagħad għar-*receptions* ta' tiġijiet? Dawn jagħtuk x'tifhem li ma jridu jispiċċaw qatt. Dawn ukoll ma għandhomx sens ta' proporzjon. Biex tmur tieġ u tieħu pjaċir mhemmx għalfejn iddum sigħat twal jew nofs ta' nhari sħaħ. Dan id-dewmien jeqred is-sbuħija taċ-ċirkustanza u jagħmilha ħaġa nojjuża u insipida għall-aħħar.

Aħna l-Maltin u l-Għawdxin għandna bżonn nitgħallmu bosta affarijiet. Waħda minn dawn il-ħwejjeġ li rrridu nitgħallmu hi l-qjies, it-temperanza f'kollox u b'hekk inkunu f'postna.

***Mulej, żejjen lil ħajti b'sens ta' temperanza, ħalli ma nitlifx is-sabiħ tal-ħajja.***




minn Br Hayden Williams OFMCap

# Il-Qima ta' San Franġisk

*L-ewwel bijografu ta' San Franġisk, Fra Tumas minn Celano, jikteb li wara li kkonverta Franġisku "kien jgħanni t-tifħir tiegħu lill-Mulej u lill-glorjuża Verġni Omm tiegħu" (1 Cel 24). Il-Fqajjar t'Assisi "kien mimli b'imħabba li ma titfissirx lejn l-Omm ta' Ġesu għax kienet hi li għamlet il-Mulej tal-glorja ħuna."*
*(LegM 9,3)*



## "Bint ... Omm ... Għarusa"

Franġisku jħares lejn Marija bħala dik li permezz tagħha ngħata lilna l-ogħla rigal ta' l-imħabba tal-Missier lejn il-bnedmin. Marija hija l-istrument tad-don ċentrali ta' l-Inkarnazzjoni fil-pjan tas-salvazzjoni: "U rroddulek ħajr għax kif ħlaqtna permezz ta' l-Iben tiegħek, hekk ukoll bl-imħabba qaddisa tiegħek li biha ħabbejtna ridt li Hu jitwieled, Alla veru u Bniedem veru, mill-glorjuża dejjem Verġni u l-aktar hienja, l-imqaddsa Marija" (RNB 23,5). Kien b'hekk li Ġesu sar ħuna u b'hekk f'ċertu sens, kif jikteb l-istoriku Kapuċċin Lazaro Iriarte, Franġisku sab l-oriġini tal-familja kbira ta' Alla fl-istess maternità ta' Marija.

Fil-kuntest storiku ta' żmienu din il-ħarsa lejn Marija kienet waħda importanti minħabba l-ereżiji li kienu qed jinfirxu. Fosthom insibu dik ta' l-Albeġiżi li tgħid li Ġesù u Marija ma kellhomx ġisem veru imma kienu jidhru qishom b'ġisem. Oħrajn ċaħdu l-eżistenza storika ta' Marija u bdew iħarsu lejha biss bħala simbolu ta' ħajja ta' penitenza. Iż-żewġ ereżiji kienu jiċħdu b'mod kategoriku r-realtà ta' Alla li sar bniedem.

Il-kontemplazzjoni ta' l-Inkarnazzzjoni lil San Franġisk fetħitlu qalbu biex jagħraf lil Alla Trinità u dan wasslu sabiex jara lil Marija f'relazzjoni mat-Trinità. Fit-*Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija* jikkontempla lil Marija bħala dik li ġiet "magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema, u minnu kkonsagrata, flimkien ma' Ibnu l-Għażiż u l-aktar Qaddis, u ma' l-Ispirtu s-Santu, Id-Difensur" (SalBMV 2). Din l-istess kontemplazzjoni nerġgħu nsibuha b'mod mirqum fl-antifona ta' l-*Uffiċċju tal-Passjoni* meta Franġisku jsellem lil Marija bħala. "bint u qaddejja tas-Sultan l-Aktar Għoli u tal-Missier tas-Sema, Omm il-Mulej tagħna, il-wisq qaddis Ġesu Kristu, u għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu" (OffPass, Ant. 2-3).

## "Għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu"

Diversi studjużi jsostnu li, milli jidher, Franġisku kien l-ewwel wieħed li ta dan l-aħħar titlu, "Għarusa

# Lejn Omm Ġesù

ta' l-Ispirtu s-Santu", lill-Madonna. Hu kien imnebbaħ b'dan mir-rakkont tat-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija (Lk 1:26-38). Hemm naraw li kien permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li Ġesù kellu jitnissel fil-ġuf ta' Marija. Dan wassal lill-qaddis sabiex huwa wkoll isir "l-għarus ta' l-Ispirtu s-Santu" billi jnissel f'qalbu l-istess attitudni ta' Marija fil-ħajja spiritwali: ftuħ għall-Ispirtu li jnissel lil Ġesù, il-Kelma tal-Missier, fil-qalb tiegħu sabiex ikun jista' jagħtih lill-oħrajn.

Franġisku jinsisti li "dawk kollha, irġiel u nisa... li l-Ispirtu tal-Mulej jistrieħ fuqhom u jagħmel fihom il-post fejn jgħammar... huma l-għarajjes, l-aħwa u l-ommijiet tal-Mulej... Aħna għarajjes, meta r-ruħ fidila tingħaqad ma' Ġesù bir-rabta ta' l-Ispirtu s-Santu. Aħna ħutu meta nagħmlu r-rieda tal-Missier tiegħu li hu fis-Smewwiet. Aħna ommijietu mbagħad meta nġorruh f'qalbna u f'ġisimna bl-imħabba u b'kuxjenza safja u sinċiera u nwelldu bl-għemejjel qaddisa tagħna" (EdFid II 48-53). F'dan is-sens nistgħu ngħidu li Franġisku kellu qalb Marjana u dan kien l-ogħla mod kif seta' jesprimi d-devozzjoni tiegħu lejn Marija: billi f'qalbu jkun Marija!

## "Xebba li sirt Knisja"

F'dan id-dawl nistgħu nifhmu għaliex fit-*Tislima* Franġisku jsejjaħ lil Marija bħala "x-xebba li sirt Knisja" (SalBMV 1). Dan il-kunċett kien familjari fil-bidu tal-Knisja u reġa' ġie skoprut fil-Konċilju Vatikan II: "Omm Alla, kif diġà għallem San Ambroġ, hija xbieha tal-Knsija fl-ordni tal-fidi, tal-karità u ta' l-għaqda perfetta ma' Kristu... Waqt li l-Knisja diġà laħqet fil-Verġni Mbierka l-perfezzjoni li biha hija bla tebgħa u bla tikmixa, il-fidili għandhom jitħabtu biex jirbħu d-dnub u jikbru fil-qdusija; u għal dan l-iskop huma jgħollu għajnejhom lejn Marija li tiddi bħala mudell ta' kull virtù għall-komunità kollha tal-magħżulin" (LG 63,65).

B'hekk wieħed jista' jifhem aħjar għalfejn lejn l-aħħar tat-*Tislima* Franġisku jsellem ukoll lill-virtujiet qaddisa "li bil-grazzja u d-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu jiġu msawba fil-qlub tal-fidili" (SalBMV 6). Kif jikkummenta P. Regis Armstrong, dan huwa l-mod fin kif Franġisku jippreżenta lil Marija bħala l-mudell għan-nisrani.

## Fis-sena tar-Rużarju

Fl-għeluq ta' din is-sena tar-Rużarju, din it-talba għandha tkun għalina mument fejn qalbna tinfetaħ għad-don ta' l-Ispirtu li jwettaq fina dak li jrid Hu u jagħmel minna għarajjes, aħwa u ommijiet ta' Ġesu. B'hekk inkunu nistgħu nagħmlu pass 'il quddiem f'din it-talba minn waħda 'devozzjonali' għal waħda ta' 'devozzjoni' jiġifieri talba li tgħaqqadna ma' Ġesù biex mibdula fih nistgħu nagħtuh lill-oħrajn. ❏



minn John Formosa SDC





# Dun Ġorġ u l-misteri ġodda tar-Rużarju

**Nhar l-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2002 il-Papa beda l-25 sena tal-pontifikat tiegħu billi ħareġ Ittra Appostolika *Rosarium Virginis Mariae (RVM)* li fiha xandar SENA TAR-RUŻARJU minn Ottubru 2002 sa Ottubru 2003. F'din l-istess Ittra l-Papa ta lill-Knisja Kattolika kollha ħames Misteri ġodda tar-Rużarju biex jiżdiedu ma' dawk tradizzjonali tal-Ferħ, tat-Tbatija u tal-Glorja. Dawn il-Misteri ġodda, li jappartjenu l-ħajja pubblika ta' Ġesù, hu sejħilhom il-Misteri tad-Dawl.**

## Dun Ġorġ u l-Misteri tad-Dawl

Din iż-żjieda fil-posti tar-Rużarju – li ilhom bla mimsusa għal aktar minn 400 sena – qanqlu reazzjoni mhux żgħira. Fost il-ħafna tagħlim interessanti li nsibu fir-*RVM* fuq din it-talba Marjana, donnu xejn ma impressjona iżjed lill-*media* daqs id-dħul ta' dawn il-misteri ġodda. Ġurnalisti internazzjonali, kattoliċi u mhumiex, mhux biss taw prominenza lil din l-aħbar, imma wkoll żiedu jgħidu li "l-idea tal-Papa dwar dawn il-misteri ġodda setgħet ittieħdet mill-kitba ta' saċerdot Malti li l-Papa ddikjarah Beatu fl-2001, Dun Ġorġ Preca." Hekk pereżempju ġiebet il-gazzetta magħrufa Ingliża *The Guardian* tas-16 ta' Ottubru, kif ukoll aġenziji oħra ta' l-aħbarijiet.

S'issa għadu mhux magħruf jekk dawn il-misteri ġodda ġewx meħudin minn dak li kien ippropona Dun Ġorġ. Imma jibqa' kurjuż il-fatt li, tneħħi ftit differenzi żgħar, il-ħames misteri huma identiċi għal dawk li ppropona Dun Ġorġ. Hu interessanti wkoll il-fatt li l-Papa sejjaħ dawn il-misteri ġodda mill-ħajja pubblika ta' Ġesù "Misteri tad-Dawl", l-istess isem li oriġinarjament tahom Dun Ġorġ meta ppropon iehom fl-1957.

## Isem Dun Ġorġ imxandar mad-dinja

L-aħbar dwar l-involviment ta' Dun Ġorġ fit-tibdil li sar fir-Rużarju nqabdet lokalment mill-mezzi tax-xandir permezz tal-ġurnal Ingliż *The Guardian* li semmejna, imbagħad ġurnalisti lokali bdew jagħmlu mistoqsijiet u intervisti eċċ. Iis-Segreterija tal-*MUSEUM* biex jiksbu aktar tagħrif fuq dan is-suġġett.

Permezz ta' l-aġenziji internazzjonali ta' l-aħbarijiet, l-aktar dawk tal-lingwa Ingliża, isem Dun Ġorġ dar malajr id-dinja, u diversi kienu dawk li riedu jafu aktar dwar dan il-bniedem li ismu qed jintrabat b'mod permanenti mat-talba l-aktar popolari fost il-kattoliċi.

## Kif waslu għand il-Papa?

Jekk verament dawn il-Misteri tad-Dawl ittieħdu minn dawk ta' Dun Ġorġ, xorta jibqa' 'misteru' kif dawn waslu sa għand il-Papa biex iddaħħlu fl-Ittra Appostolika fuq ir-Rużarju. Il-Postulazzjoni tal-Kawża ta' Dun Ġorġ f'Ruma ppruvat tivverifika dan kollu imma, sakemm qegħdin niktbu, għadha ma rnexxielha ssib xejn.

Hu x'inhu, dawn il-Misteri fuq il-ħajja pubblika ta' Ġesù issa sabu posthom f'dokument daqshekk importanti u se jibdew u jibqgħu jingħadu minn miljuni ta' kattoliċi fid-dinja kollha.

## 'Ispirazzjoni' tiegħu?

Żgur li għad hawn membri li, bħali, jiftakru l-mod kif il-Fundatur kien ippreżentalna dawn il-misteri ġodda f'waħda mil-laqgħat tiegħu magħna nhar ta' Erbgħa. Wiċċu kien jindika l-ferħ li kellu f'qalbu huwa u jipproponi dawn l-'episodji' mill-ħajja pubblika ta' Ġesù. Ma qalilna xejn dwar kif





dawn ġew oriġinati, jekk ħadhomx minn xi mkien, jew jekk kinux 'ispirazzjoni' tiegħu. Kieku kien l-ewwel każ, ġeneralment kien jgħidilna: "Ara x'sibt għalikom..." Ma qal xejn minn dan, u donnu jidher li dik kienet 'invenzjoni' oriġinali tiegħu. Dak li hu żgur hu li, wara li spjega kemm ġid jikseb meta wieħed jimmedita fuq il-ħajja kollha ta' Ġesù, u li r-Rużarju b'xi mod kien jonqsu dan l-aspett, qalilna kemm hu kien sabhom pjaċevoli u kemm ħa gost jimmedita dawn il-misteri 'ġodda' mill-ħajja pubblika ta' Dak li qal fuqu nnifsu "Dawl tad-Dinja" (Ġw 8,12).

## Il-Misteri tad-Dawl isiru pubbliċi

Il-Misteri tad-Dawl li ppropona Dun Ġorġ dehru l-ewwel darba għall-pubbliku in ġenerali f'artiklu bl-isem "Id-Devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn ir-Rużarju" li deher fir-"Rivista Dun Ġorġ" Nru. 5, Lulju/Diċembru 1973. Komplew jixterdu aktar meta, fl-1987, Vincent Caruana sdc (1912-1998) ippubblika anonimament librett ċkejken bl-isem "Ġesù Kristu - Alla – Bniedem – Feddej", bis-sottotitlu "Episodji mill-Evanġelju f'għamla ta' Rużarju fuq Idea oriġinali ta' Dun Ġorġ Preca". Il-ktejjeb jibda billi jsemmi l-Misteri tad-Dawl u jgħid li dawn "kienu ġew ippubblikati u mxandrin l-ewwel darba mis-Serv ta' Alla Dun Ġorġ Preca". Wara dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet il-Misteri tad-Dawl ma baqgħux aktar għall-użu privat tas-Soċjetà Museum imma saru magħrufin minn ħafna, anke barra minn Malta permezz ta' l-*internet*.

## Il-Misteri tad-Dawl skond Dun Ġorġ u skond il-Papa

**• Skond Dun Ġorġ:**

1. Meta s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, wara li tgħammed fil-Ġordan, ġie meħud fid-deżert.
2. Meta s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu wera, bil-kelma u l-mirakli, li hu veru Alla.
3. Meta s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu għallem il-Beatitudnijiet fuq il-muntanja.
4. Meta s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu ttrasfigura ruħu fuq il-muntanja.
5. Meta s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu għamel l-aħħar Ċena ma' l-Appostli.

**• Skond il-Papa:**

1. Meta Sidna Ġesù Kristu tgħammed fix-xmara Ġordan.
2. Meta Sidna Ġesù Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu ħabbar is-Saltna ta' Alla u sejjaħ għall-indiema.
4. Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-Appostli fuq il-muntanja Tabor.
5. Meta Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-Misteru tal-Għid.

Jekk wieħed iqabbel iż-żewġ versjonijiet kif jidhru hawn fuq, ma jistax ma jilmaħx xebh kbir bejn il-"Misteri tad-Dawl" proposti minn Dun Ġorġ u dawk proposti mill-Papa 45 sena wara. Veru li jidhru xi differenzi, imma dawn id-differenzi mhumiex kbar daqskemm forsi jidhru għall-ewwel.

Fl-ewwel Misteru Dun Ġorġ, minbarra l-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan, iżid il-mawra tiegħu fid-deżert fejn mar jitħejja għal erbgħin jum qabel jibda l-missjoni tiegħu. Peress li kitibhom għas-Soċji tiegħu, jista' jkun li ried jurihom il-ħtieġa li wieħed iħejji ruħu tajjeb għall-missjoni tax-xandir tal-Kelma.

Fit-tieni Misteru, Dun Ġorġ jipproponi li wieħed jimmedita fuq kif Ġesù wera bil-kelma u bil-mirakli li hu Alla. Il-Papa jipproponi miraklu wieħed, dak li sar fit-Tieġ ta' Kana, li kellu proprju dak l-iskop.

Fit-tielet Misteru, Dun Ġorġ jipproponi lil Ġesù jgħallem il-





Beatitudnijiet. Wieħed ma jistax ma josservax ukoll li bil-Beatitudnijiet Ġesù b'xi mod ħabbar is-Saltna ta' Alla u stieden għal bidla fil-mod tal-ħajja ta' dawk li kellhom jimxu warajh.

Fir-raba' u fil-ħames Misteri (Ġesù trasfigurat fuq il-Muntanja u t-Twaqqif ta' l-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena rispettivament) għandna l-istess episodji mill-ħajja ta' Ġesù proposti minn Dun Ġorġ kif ukoll mill-Papa.

## Meta jingħadu

Dun Ġorġ kien ippropona li l-Misteri tad-Dawl jidħlu bejn dawk tal-Ferħ u tat-Tbatija, u ssuġġerixxa li jibdew isiru nhar ta' Tnejn flok dawk tal-Ferħ li allura jibdew isiru l-Ħadd. Il-Papa wkoll ippropona li jingħadu qabel il-Misteri tat-Tbatija, nhar ta' Ħamis, li hu jum aktar adattat billi l-Ħamis soltu nassoċjawh mal-jum ta' l-Aħħar Ċena u t-Twaqqif ta' l-Ewkaristija. Jagħmel ukoll ħafna sens dak li jipproponi l-Papa li l-Misteri tal-Ferħ, li fihom il-ġrajjiet ewlenin mill-ħajja ta' Marija, jibdew jingħadu s-Sibt, jum dedikat lill-Verġni Mbierka.

## Tagħlim ta' Dun Ġorġ dwar ir-Rużarju u r-*RVM*

Minbarra l-Misteri tad-Dawl, fir-*RVM* hemm affarijiet oħra li jaqblu ħafna ma' dak li kien jgħallem Dun Ġorġ dwar ir-Rużarju. Interessanti wieħed jinnota li l-Papa jsemmi l-ħtieġa ta' waqfa qasira fis-silenzju wara li jissemma l-misteru biex wieħed ikun jista' jirrifletti fuqu. (*RVM* 31) Din l-idea sabiħa Dun Ġorġ mhux biss kien jagħmilha hu nnifsu imma wkoll kien jirrakkomandaha lin-nies.

Dun Ġorġ kien iħobb isejjaħ ir-Rużarju 'Skola ta' tagħlim' l-aktar minħabba l-meditazzjoni tal-misteri. Interessanti wkoll wieħed jinnota li l-Papa fl-Ittra Appostolika *RVM* mhux inqas minn ħames darbiet jirreferi għar-Rużarju bħala skola ta' Marija. (1, 3, 5, 14, 45)

Dun Ġorġ kiteb diversi talbiet lill-Madonna marbutin ma' xi virtù relattiva mal-misteru, biex jingħadu qabel ma tingħad il-*Pater Noster*. Minbarra t-talbiet provduti wara kull misteru fil-ktieb "Ir-Rużarju Mqassam fi Ħmistax-il Sibt", hu pprovda wkoll ħames varjetajiet ta' talbiet oħra bl-istess skop u li ġew ippubblikati fl-edizzjoni tal-1991, pp. 86-96. Ta' min jinnota li l-Papa fl-Ittra Appostolika *RVM* (35) jipproponi wkoll li ssir talba simili wara r-reċita tal-*Gloria Patri*.

## Dun Ġorġ Propagatur tar-Rużarju

Tajjeb hawnhekk ngħidu li Dun Ġorġ xerred kemm felaħ it-talba tar-Rużarju. Bħala devot kbir tar-Rużarju, ma kienx biss jirrikkomandah ta' spiss fil-konferenzi tiegħu, imma kiteb ukoll diversi drabi fuqu. Fl-1932 xandar għall-pubbliku l-ktejjeb "Ir-Rużarju tal-Madonna mqassam għal ħmistax-il Sibt". Fl-1952 ħareġ ukoll ktejjeb "Tagħlim ħafif fuq ir-Rużarju", speċi ta' katekiżmu sempliċi f'forma ta' mistoqsija u tweġiba qosra. Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin ippubblika diversi fuljetti ta' erba' paġni dwar ir-rużarju, fosthom "Ir-Rużarju – Ħsibijiet għal waqt li jingħad" u jagħti 'Episodju' fuq kull misteru, "Il-Ħmistax-l inkwadru tar-Rużarju, Talb Speċjali marbut ma' kull Misteru tar-Rużarju", eċċ. Dawn il-fuljetti ġew kollha inklużi bħala żjieda fl-edizzjoni tal-ktejjeb "Ir-Rużarju tal-Madonna" li s-Soċjetà ħarġet fl-1991.

## Konklużjoni

Kif rajna minn din il-kitba, isem Dun Ġorġ issa ntrabat ħafna mat-talba tar-Rużarju li bla dubju hija l-aktar talba mxerrda fost il-kattoliċi. Hu kien propagatur kbir tar-Rużarju. Żgur li kien att tal-Providenza issa li ismu ntrabat ma' din it-talba għażiża. Ejjew ma nħallux ġurnata tgħaddi bla ma nirreċitaw din it-talba li tant iġġib grazzji spiritwali u temporali fuq min jgħidha bid-devozzjoni. Infakkru x'kien jgħid: "Il-Verġni Marija sa nofs il-lejl tkun tistenniena nsellmulha mqar b'ħames posti Rużarju." ❑

minn P. Frans Abela OFMCap

# Djakonija u Qadi

## L-EWWEL PARTI

Jeżisti numru imdaqqas ta' lajċi impenjati li jagħtu daqqa t'id sew f'ħidma soċjali, umana u qaddisa lil ħuthom fil-bżonn, ulied bħalhom ta' l-istess parroċċa. Kien l-Ispirtu s-Santu, bi kliem il-Konċilju Vatikan II li nebbaħ, xettel, rawwem u għadu jsaħħaħ dan it-tip ta' appostolat. "Fil-Knisja jistħoqqilhom ġieħ u rakkomandazzjoni partikulari dawk il-lajċi, kemm jekk ċelibi kemm jekk miżżewġin, li jagħtu rwieħhom għal xi żmien f'dak li hu servizz lill-għaqdiet u ħidmiet mitluba minn appostolat speċifiku" (Digriet fuq l-Appostolat tal-Lajċi par. 22). Forsi kienet din is-silta jew oħrajn jixbhuha li welldu l-Kummissjoni Djakonija u Qadi f'diversi parroċċi minn żmien il-Konċilju msemmi 'l hawn. Għal dawk li huma mdaħħlin f'din il-kummissjoni, l-aktar jekk huma membri tal-O.F.S., ser insemmi tliet punti li nsibu fl-Evanġelju sabiex jgħinuhom ikomplu seddqu ħidmiethom kif imiss u anke b'xejra franġiskana.

### Ħidma b'umiltà

Ġesù saħaq kemm felaħ ma' l-Appostli biex ikunu ta' servizz għall-oħrajn mhux bħall-mexxejja tad-dinja imma kif riedhom li jkunu hu: "Intom tafu li l-kapijiet tal-pagani jaħkmu fuqhom u l-kbar juru s-setgħa tagħhom. Fostkom mhux hekk; imma min fostkom irid ikun kbir, ikun qaddej tagħkom" (Mt 20, 25-26). U bħallikieku dan ma kienx biżżejjed Ġesù ħassu fil-ħtieġa li jagħtihom lezzjoni billi jaħslilhom u jixxuttalhom riġlejhom, u wara qalilhom: "Tifhmu x'għamiltilkom? Intom issejħuli Mgħallem u Mulej, u tgħidu sewwa għax hekk jien. Mela jekk jien il-Mulej u l-Imgħallem ħsiltilkom riġlejkom, għandkom intom ukoll tħaslu riġlejn xulxin, biex kif għamilt jien tagħmlu intom ukoll" (Ġw 13, 12-15).

Jista' jkun li dawn iż-żewġ siltiet mill-Evanġelju kienu li qanqlu lil Franġisku biex iqis lilu nnifsu bħala l-iċken u l-aħħar fost l-oħrajn. "Jiena ħukom Franġisk, l-iżgħar fostkom u qaddej tagħkom" (mit-Testment). Proprju għalhekk ma riedx li l-mexxej ta' kull fraternità tiegħu jissejjaħ 'prijol', imma b'isem aħjar ta' 'gwardjan' li jfisser ħarries jew amministratur/qaddej ta' l-Aħwa Minuri.

Ngħiduha kif inhi, ma hemm l-ebda kontradizzjoni fl-imġiba tiegħu meta, bħala sudditu, lil ta' fuqu kien isejħilhom 'sinjuri' tiegħu, filwaqt li meta ħtieġlu jagħmilha ta' kap u mexxej indirizza lil ta' taħtu bħala 'sidien tiegħu'. B'dan il-mod Franġisku, b'kull kif, kemm bħala superjur kif ukoll bħala sudditu, atteġġjament wieħed ħa ... dak ta' djakonija u servizz. ❑



*San Franġisk jieħu ħsieb il-lebbrużi. Affreks ta' B. Berlingheri (1228-1274), Bażilika S. Croce, Firenze.*

*minn P. Joe Galea OFMCap*

# B'żewġ sigaretti kuljum tista' żżomm tifel jew tifla għal sena sħiħa

**"Kont bil-ġuħ ... bil-għatx ... għeri ... marid ... u waqftu miegħi" jgħidilna Ġesù jekk kemm-il darba nkunu għenna lil ħutna fil-bżonn.**

Peress li qegħdin ngħixu Malta, post fejn il-ġuħ ma tantx jinħass, anzi xi wħud iridu jagħmlu sforz biex inaqqsu mill-ikel, forsi ftit naħsbu li mhux kulħadd qed igawdi minn dak li qegħdin ingawdu aħna. Is-sitwazzjoni ġo Hola fil-Kenja hija differenti minn tagħna. Ħafna mill-familji m'għandhomx ikel biżżejjed u xi drabi l-familji jridu jaraw minfejn ser isibu x'jieklu. Kif nafu, l-aktar li jbatu huma t-tfal għax ġisimhom ftit jifla ħ għan-nuqqas ta' ikel.



Skond statistiċi tal-UNICEF ta' April 2003 nsibnu li fl-Afrika:

- tlett elef tifel u tifla jmutu kuljum
- il-marda biss tal-malarja toqtol tifel jew tifla kull 30 sekonda. Hemm mediċini li jistgħu jfejjqu l-malarja imma l-fqar m'għandhomx flus biex jixtruhom. Hemm ukoll *nets* biex bil-lejl in-nemusa ma tigdimx u ma tagħtix il-malarja imma, l-istess, il-foqra m'għandhomx biex jixtruhom
- ħafna mit-tfal imutu mhux biss bil-malarja imma anke bin-nuqqas ta' ikel, bl-enemija, bid-dijarrea kif ukoll b'infezzjonijiet oħra.

Ħafna tfal m'għandhmx opportunità li jmorru l-iskola lanqas dik primarja. Biex tmur l-iskola jrid ikollok l-uniformi u jekk tkun fqir u ma jkollokx lanqas ikel biżżejjed id-dar mhux ser ikollok flus biex tixtri uniformi għat-tfal tiegħek.

Il-**Proġett tat-Tfal ta' Hola** qiegħed jipprova jgħin lil ħafna familji biex jgħixu ħajja aħjar u jegħlbu dawn id-diffikultajiet. Familji minn Malta qegħdin jagħtu offerta





*Fuq: P. Joe Galea, Kapuċċin, kappillan tal-parroċċa ta' Hola qed ikellem lil uħud mill-benefatturi (ritratt lemin) li ltaqa' magħhom meta kien hawn Malta għall-vaganzi dan is-sajf.*

# Ordinazzjoni Presbiterali

It-2 ta' Awissu 2003, Solennità ta' Marija ta' l-Anġli, kien jum l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Patri Emmanuel Kamrata OFMCap. Din saret fil-knisja parrokkjali ta' Wema ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem. Patri Kamrata ġej minn dan ir-raħal u huwa l-ewwel saċerdot Pokomo minn din il-parroċċa. Huwa hu tieni saċerdot Kapuċċin li ġej minn dan it-tribù.

Iċ-ċelebrazzjoni liturġika bdiet billi saret mixja mid-dar tal-familja ta' dan il-patri sal-knisja l-qadima ta' dan ir-raħal. Miegħu ħadet sehem il-familja tiegħu.

Għall-ħabta ta' l-10.00 ta' filgħodu bdiet il-purċissjoni tad-dħul tal-quddiesa. Fuq quddiem kien hemm gruppi ta' żgħażagħ u tfal, minn diversi parroċċi, li bdew jiżfnu u jkantaw. Warajhom kien hemm is-saċerdoti fosthom att ta' patrijiet Franġiskani Kapuċċini li ġew minn diversi parroċċi. Fl-aħħar kien hemm il-kappillan tal-parroċċa li hu saċerdot tal-*Missionary Society of St. Paul*, il-Viċi-Provinċjal tal-Kapuċċini P. Isidor Peterhans, kif ukoll l-Isqof Mons. Francis Baldacchino OFMCap li ordna lil dan is-saċerdot il-ġdid.

Il-poplu miġbur, ukoll, ġie minn diversi parroċċi fosthom Wajir, Ruiru, Mpeketoni, Hola, Garissa u Malindi.

Fil-bidu sar diskors ta' merħba mill-kappillan imbagħad kompliet iċ-ċelebrazzjoni li kienet miżgħuda b'kant u żfin. Il-parteċipazzjoni liturġika mill-poplu kienet kbira. Il-knisja żżejnet għall-okkażjoni. Kien hemm mal-ħamsa u għoxrin saċerdot jikkonċelebraw. P. Spiro Galea OFMCap, il-Vigarju ta' l-Isqof, kien il-parrinu tas-saċerdot il-ġdid u kien hu li libbsu l-ilbies sagru wara li ġie ordnat saċerdot.






***Fuq nett:* P. Emmanuel Kamrata qed jiġi ordnat saċerdot minn Mons. F. Baldacchino, Isqof ta' Malindi.**
***Taħt:* P. Kamrata (lemin) flimkien ma' P. George Muthaka.**

Jalla P. Emmanuel Kamrata flimkien ma P. George Muthaka li ġie ordnat saċerdot fit-28 ta' Ġunju f'Ruiru jipperseveraw fil-vokazzjoni reliġjuża u saċerdotali li l-Mulej sejħilhom għaliha, u li jkunu dawl u gwida għan-nies li fosthom ser jaħdmu. *Ad multos annos.*

ta' Lm 4 fix-xahar u b'hekk ikunu qegħdin itaffu t-tbatijiet ta' dawn il-familji ġo Hola. Permezz ta' dawn il-flus jinxtara ikel, mediċini, uniformijiet għall-iskola, affarijiet għad-dar bħal saqqijiet, *nets* tan-nemus, borom, platti u lożor. Hawn nixtieq nirringrazzja, f'isem it-tfal ta' Hola u l-familji tagħhom, lil dawk il-Maltin u l-Għawdxin li bl-offerta tagħhom qed ikunu ta' għajnuna kbira lil dawn it-tfal u l-familji tagħhom.

Għalhekk, anke inti tista' tgħin lil familja fil-Kenja billi kull xahar tagħti Lm 4 - b'kemm jiswew żewġ sigaretti kuljum - u tadotta tifel jew tifla minn familja u jkollok l-istorja fil-qosor tal-familja kif ukoll ir-ritratt tat-tifel jew tifla.

Min hu interessat li jgħin kulma għandu jagħmel hu li jimla din il-formula ta' hawn taħt u flimkien ma' Lm 4 kull xahar jibgħathom lil Fr. Joe Alessanro OFMCap, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana Tel. 2122552 / 21234949 / 21233874. Il-ħlas jista' jsir kull xahar jew kif wiehed jew waħda jixtiequ, u tintbagħat irċevuta għal kull ħlas.

| | |
|---|---|
| ISEM | |
| INDIRIZZ | |
| | |
| KODICI POSTALI | TEL |

minn Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

IT-TMIEN PARTI

***F'din il-ħarġa ser inkomplu nterrqu fl-imqades tagħna fil-mixja li qed nagħmlu fejn qed niltaqgħu ma' xogħlijiet ta' arti li fihom nilmħu lil San Franġisk t'Assisi. Il-waqfa tagħna llum ser tkun fil-knisja parrokkjali tas-Ssma. Trinità, fil-Marsa. Hawnhekk ser nagħtu xi ħjiel storiku dwar kwadri, l-apside ta' l-istess knisja u l-istatwa tal-qaddis.***



Il-knisja parrokkjali tas-***Ssma. Trinità fil-Marsa*** hi mżejna b'għadd ta' xbihat ta' San Franġisk. Kienet ix-xewqa tal-benefatturi ta' l-istess knisja, Lorenzo u Marija Karmena Balbi, li jkun hemm artal iddedikat lil dan il-qaddis. Il-pittur Ġużè Duca (1871-1948) pitter kwadru *(ritratt fuq)* tal-qaddis, fl-1912, li kien juri lil dan il-qaddis b'idejh miftuħa qed jirċievi l-pjagi.



Fuq xewqa tat-Terz'Ordni Franġiskan li twaqqaf fil-parroċċa nhar il-Ħadd 27 ta' Lulju 1913, dan il-kwadru nbidel ma' ieħor li hu xogħol ta' Ġużeppi Caruana. Il-kwadru *(ritratt fuq)* jirrappreżenta lil San Franġisk flimkien ma' San Ludoviku, Re ta' Franza, u Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija, patruni ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari.

Fl-apside ta' l-istess knisja naraw l-Inkoronazzjoni tal-Madonna mis-Ssma. Trinità u fuq kull naħa nsibu żewġ qaddisin Franġiskani. Dawn huma l-Missier tal-Moviment Franġiskan jiġifieri, San Franġisk t'Assisi u lil San Lawrenz ta' Brindisi, Duttur tal-Knisja li kiteb ħafna fuq Ommna Marija. Dan hu mużajk, xogħol ta' l-Iskola Vatikana u tqiegħed f'postu minn Giovanni Sacchi.

Ma jistax jonqos li ma nsibux statwa li turi lil San Franġisk. Din inħadmet minn Wistin Camilleri fl-1914 u



thallset minn Ġużeppi Portelli. Il-pedestall sar fl-1845 għall-istatwa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq, imma meta fl-1915 sar wieħed ġdid, il-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa xtratu għal din l-istatwa. Din tinħareġ proċessjonalment fl-aħħar Ħadd ta' Settembru fit-toroq tal-Parroċċa. Kif jidher minn dawn iż-żewġ ritratti ta' hawn taħt, wieħed jista' jinnota li maż-żmien sar xi tibdil fl-isħaba li hemm taħt San Franġisk għaliex il-ktieb u s-salib tneħħew u m' għadhomx jidhru fl-istatwa tallum.

Fuq in-niċċa ta' San Franġisk, li tinsab bejn l-artal u l-bieb ta' l-oratorju ta' Sant'Antnin, insibu kwadru *(lemin)* li juri lil San Franġisk jirċievi l-pjagi u li tpitter mill-pittur Pawlu Camilleri Cauchi fl-1982.

Hawnhekk nixtieq irrodd ħajr lis-Sur Pawlu Dimech ta' l-għajnuna siewja li tani meta għaddieli materjal marbut ma' dawn l-opri artistiċi li jżejnu lil din il-knisja parrokkjali.







*minn P. William Axiaq OFMCap*

# Issuspettajt f'marti

Father, jiena raġel ta' mezz'età u miżżewweġ. Għandna erbat itfal. Ma tantx inħobb il-ġabra tad-dar. Niffrekwenta ta' spiss ċertu każin fil-lokalità fejn ngħix u ġieli nqatta' sigħat sħaħ *standing by* impaċpaċ issa ma' dak u issa ma' l-ieħor. Dan l-aħħar smajt raġel magħruf bħala don Juan li, fil-preżent qed jaħdem fl-inħawi fejn noqogħdu aħna, jitkellem b'vuċi li tinstema' fuq mara, waqt li ta ċerti dettalji u għadda xi kummenti tosti fuqha. Jien ftaħt widnejn daqsiex biex nisma' tajjeb u, wara li smajt kollox, waħħaltha f'rasi li kien qiegħed jirreferi indirettament għall-mara tiegħi. Tlift il-paċi kollha li kelli, mort id-dar niġri, sibt lill-mara u għedtilha li qiegħed nissuspetta fiha, għax qed naħseb li qed tagħti wiċċ Tizju li qed jaħdem viċin id-dar tagħna magħruf bħala wieħed li jħobb id-dbielet. Tgħidx x'għamlet kemm ħaditha bi kbira! Minn dak inhar beda l-inkwiet bejnietna. Kif tħares lejn ir-reazzjoni tiegħi? Taħseb li kont għaqli jew kont preċipituż? Kif nista' nsewwi l-ħsara?

Fil-ħajja hawn min hu kiesaħ u l-għan ta' ħajtu hu li jaqla' l-inkwiet, speċjalment fost il-miżżewġin. Dan hu fatt li ħadd ma jista' jmerih. Mill-ittra tiegħek jidher ċar li inti sibt ruħek ikkonfrontat ma' wieħed minn dawn it-talin. Dan irid idendel kusu miegħek biex jarak titbaqbaq, billi jagħtik x'tifhem li martek qiegħda tagħtih il-wiċċ - li mhux bilfors li huwa l-każ - u rnexxielu.

Inti suppost indunajt li r-raġel li semmejt kellu f'rasu li jrid jinkwetak. Fil-fatt, intbaħt li meta beda jitkellem beda jgħolli l-vuċi apposta biex inti, li kont preżenti, tisimgħu żgur u jirnexxilu jilħaq it-tir li kellu f'moħħu.

Inti għamilt ħażin li qbadt u daħħaltha f'rasek li martek qiegħda tagħmilhielek mar-raġel li ddistingwejtu bħala don Juan. Kien hawn anki nisa qaddisin li kellhom irġiel jiġru warajhom, imma qatt ma tawhom l-iċken kunfidenza. Ma jfissirx li għax it-tali raġel huwa kif iddeskrivejtu b'daqshekk bilfors irid jirbaħ kull mara li jieħu grazzja magħha. Jista' jiltaqa' ma' mara li b'xejn ma jwaqqagħha. Forsi jista' jagħti l-każ li ried jinkwetak biex ipattiha lill-mara tiegħek u jaqlgħalha l-inkwiet talli tatu x'jifhem li żgur mhu se jagħmel xejn magħha. Dan inti ma kontx kapaċi tinduna bih u flok li ma tajtx kasu, affronatajt lil martek li ibqa' ċert li ma għandhiex ħtija.

F'każi bħal tiegħek, trid tibqa' kalm kemm jista' jkun, inkella l-immaġinazzjoni tiġri bik u dak li ma jkunx ġara tagħmlu fatta u jibda l-inkwiet. Dan ifisser li inti kont preċipituż f'ħaġa li titlob ħafna prudenza u delikatezza. Qiegħed nirreferi għall-fedeltà fiż-żwieġ. Jekk taf li r-raġel li tkellimt minnu jħobb id-dbielet, kellek tkun taf ukoll għal xiex kapaċi jaslu persuni bħal dawn. Kellek tivverifika l-każ u qabel ma tkun mija fil-mija ċert li l-mara qed tagħti wiċċ lil ħaddieħor ma titkellimx u mhux tħallih jimliek għal martek. Kellha raġun tieħu għaliha.

L-aħjar ħaġa issa hi li titkellem mill-inqas u, b'mezz jew ieħor, turi lil martek li kien żball li ftaħt ħalqek u ssuspettajt fiha, għax dak li għedt għedtu f'mument ta' dalma u għax dak l imbierek imliek sew. B'hekk ma tagħmilhiex konxja żżejjed tar-raġel li tkellimt minnu, li tista' tarah jew tiltaqa' miegħu peress li qed jaħdem fl-inħawi tagħkom.

Qabel nagħlaq inħeġġek ħalli ma tantx tqatta' sigħat barra d-dar, 'il bogħod mill-kumpannija tal-mara tiegħek. Iżjed ma tagħmilha magħha iżjed tiġbidha lejk u, jekk tiltaqa' mat-tentazzjoni, lanqas biss tkun taf kif għelbitha. ❑



minn Marika J. Gauci GiFra



# San Franġisk t'Assisi

## *Patrun ta' l-annimali u l-ekoloġija*

San Franġisk kellu mħabba kbira għall-ħlejjaq kollha. Tiegħu ma kinetx biss imħabba lejn xi annimal partikulari, imma mħabba lejn il-ħolqien ta' Alla. San Franġisk kien iħeġġeġ lil kulħadd biex iħobb l-annimali, filwaqt li hu kien isejħilhom 'ħutu'.

Illum, f'diversi postijiet madwar id-dinja, il-festa ta' San Franġisk ta' Assisi (4 ta' Ottubru) titfakkar bit-tberik ta' l-annimali. Hi użanza li jitbierku l-annimal bi kliem bħal dan:

"Imbierek Int Mulej Alla, ħallieq tal-ħlejjaq kollha. Int ħlaqt il-ħut fil-baħar, l-għasafar fl-ajru u annimali fuq l-art. Int ispirajt lil San Franġisk biex isejħilhom ilkoll ħutu. Nitolbuk tbierek lil dan l-annimal. Infaħħruk għall-ġmiel tal-ħolqien. Imbierek Int Mulej Alla tagħna, fil-ħlejjaq kollha tiegħek! Amen."

Talba bħal din tista' issir ukoll b'mod personali d-dar.

Nistgħu ngħidu wkoll li l-Franġiskani madwar id-dinja spiss isemmgħu l-vuċi tagħhom fuq aspetti ambjentali. Ħaġa bħal din għandna jkollna l-kuraġġ inwettquha aħna ż-Żgħażagħ Franġiskani.

### Għaxar kmandamenti kif tħobb u tħares il-ħolqien u l-ambjent

1. Fil-ħajja ta' kuljum, meta tinnota xi ħaġa li tolqtok bħall-qawsalla, jew sema blu b'xi ftit sħab, ieqaf u gawdi x-xena anke jekk tħossok imgħaġġel.

2. Sib ħin biex iżżur postijiet naturali bħall-kampanja, ġonna jew ħdejn il-baħar. Irrilassa ftit, ħares madwarek u ħoss il-preżenza ta' Alla.

3. Innota d-dettalji u l-perfezzjoni fin-natura bħal kif il-ħlejjaq jgħixu, jieklu, jiddefendu ruħhom u l-istadji differenti ta' l-iżvilupp tagħhom.

4. Informa ruħek b'diversi modi. Sib kitbiet u dokumentarji li jittrattaw fuq il-ħolqien. Fittex informazzjoni tajba fuq l-*internet*. Xi *websites* tajbin huma:

- *www.catholiceducation.org/directory/Current_Issues/Environment/*
- *http://conservation.catholic.org*
- *www.americancatholic.org/Features/Francis/default.asp*

5. Apprezza lilek innifsek kif int għax int ukoll ħolqien ta' Alla. Innota n-natura tiegħek: in-nifs li jtik il-ħajja, is-sistemi kollha ta' ġo fik, eċċ.

6. Aħseb kif tista' tnaqqas il-konsum u t-tinġis.

7. Għarbel lilek innifsek u ara intix qed tobdi l-liġijiet ambjentali. Ibni kuxjenza favur il-ħarsien ta' l-ambjent.

8. Issieħeb f'xi għaqda ambjentali bħal *Nature Trust* li xxerred informazzjoni lill-membri tagħha u li fiha int tista' tkun attiv.

9. Imla d-dar tiegħek b'xi stampi jew ritratti sbieħ tan-natura. Jekk tista', żomm xi pjanti u xi *pet* id-dar. L-imħabba li nagħtu u nirċievu mill-*pet* tagħna tista' tgħinna nidħlu b'mod aktar intimu fiċ-ċirku tal-ħajja u hekk nissieħbu f'relazzjoni tant sabiħa mal-Ħallieq.

10. Itlob li jkollok l-għerf biex tibni kuxjenza tajba fl-aspett ta' l-ambjent u l-ħolqien. Fit-talb tiegħek, inkludi talb ta' tifħir għall-ħolqien. ❏

minn P. Philip Cutajar OFMCap

# VIA SAGRA missjunarja

## IL-ĦDAX-IL STAZZJON



### ĠESÙ MISLUB

Niftakar fi tfuliti, meta xi saċerdot jew reliġjuż ikun ser jitlaq għall-missjoni, fiċ-ċerimonja tat-tislima qabel it-tluq kien jiġi mogħti s-salib... u dan kien ipoġġih ma' qaddu. Ħasra li din iċ-ċerimonja: mimlija b'tifsiriet kbar, intilfet... m'għadhiex issir. Il-missjunarju huwa l-imsejjaħ sabiex b'ħajtu jagħti xiehda speċjali tal-mixja tiegħu wara Kristu Mislub. Il-missjunarju huwa l-mibgħut sabiex jgħallem u jxandar il-Bxara tas-Salib li hija l-Bxara t-Tajba... ta' Ferħ, ta' Mħabba u ta' Salvazzjoni, u b'hekk ma' San Pawl jista' jtenni: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx lil Kristu u lil dan mislub".

Il-Ħabbar tal-Bxara t-Tajba, bil-għan li jwettaq fil-milja tagħha s-sejħa tiegħu li jipprietka lil Kristu mislub, jiltaqa' ma' diffikultajiet kbar: kemm jekk imur jipprietka lil Kristu Mislub f'soċjetà maħkuma mill-kultura tal-lussu, tal-pjaċir u tal-ħela (in-nies mejtin fis-sakra); kif ukoll f'soċjetà fejn in-nies huma foqra u jgħixu f'miżerja (mejtin għal qatra). Kif ser tipprietka lil Kristu Mislub lil min qed jgħix ħajja ta' lussu u ma jonqsu xejn... lil min il-ħin kollu moħħu biex ikattar il-ġid li għandu, jixxala u jiddeverti? Daqstant ieħor kif ser tipprietka lil Kristu Mislub lil min diġà qed jgħix mislub bil miżerja, bil mard, bl uġigħ, bil ġuħ u b'mitt elf ħaġa oħra? Din hi l-isfida li jiltaqa' magħha kull evanġelizzatur... kull missjunarju.

Imma bejn in-nies li qed jgħixu fil-lussu... mejtin fis-sakra u n-nies li qed jgħixu fil-faqar... mejtin għal qatra u lilhom it-tnejn qed jiġi mxandar l-Evanġelju tas-Salib, huma dawn ta' l-aħħar li l-aktar jaċċettawh malajr u bil-ferħ. "Henjin il-foqra fl-ispirtu għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet... ħażin għalikom l-għonja... ħażin għalikom l-imxebbgħin" (ara Lq 6, 20-26).

Din hija l-esperjenza tal-missjunarju li jgħix il-ħin kollu ma' nies li kontinwament huma fil-bżonn ta' kollox... imma għandhom dik ix-xi ħaġa li min għandu kollox m'għandux: il-għaqda, il-ferħ, it-tbissima, il-ġenerożità, il-fidi u t-tama f'Alla.

**Talba: Mulej Ġesù, filwaqt li rroddlok ħajr għall-mewt tiegħek fuq is-salib... mewt ta' mħabba u**



**salvazzjoni, għinni sabiex fil-ħajja tiegħi mhux biss nerfa' s-salib, imma wkoll, f'ismek u miegħek, inkun għall-oħrajn rifless tas-salib tiegħek għax b'hekk biss nista' nkun strument ta' tama... ta' fejqan... ta' salvazzjoni u ta' mħabba. Qaċċat minni kull biża' li nipprietka lilek, u lilek Mislub, kull fejn inkun.**



## IT-TNAX-IL STAZZJON



### ĠESÙ JMUT FUQ IS-SALIB

Miet... li kieku kien fl-Ewropa jew fl-Amerika ma kienx imut għax hemm kien isib il-mediċina li kien jenħtieġ... Miet għax kien nieqes mill-ikel... miet jew aħjar wettaq suwiċidju għax il-ħajja ta' miżerja kienet wisq depressanti għalih... Miet jew aħjar qatluh biex jisirqulu ż-żarbun li kellu... Sparixxa... min jaf? Tgħid qatluh għax kien perikoluż? Miet... sabuh mejjet wara li għadda lejl rieqed barra fil-ksieħ... Mietet bit-tarbija b'kollox għax fil-ħin tal-ħlas ma sabitx tabib... Miet fil-ħabs minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena u t-tortura.

U wieħed jista' jkompli bil-lista ta' mwiet li jseħħu minħabba l-inġustizzja, il-faqar, il-mibegħda, l-odju, il-politika, il-poter, ideoloġiji, għejra u egoiżmu. Lista' ta' mwiet li wieħed jista' jiltaqa' magħhom f'kull pajjiż, f'kull rokna tad-dinja, imma l-istorja ta' l-umanità tgħidilna li din il-lista tikkonċentra l-iżjed fl-artijiet tal-missjoni.

Minħabba f'hekk miet Ġesù... minħabba f'hekk għadhom qed imutu miljuni ta' nies. U f'dawn in-nies jintlemaħ Kristu li għadu qed ibati... li għadu qed jiġi mislub... li għadu qed jiġi ttorturat... li għadu qed jiġi mċaħħad mid-dritt għall-ġustizzja... li għadu qed imut imżeblaħ, għarwien u meqjus bħala bniedem perikoluż.

Għalkemm jiena nemmen li l motivazzjoni prinċipali għall-mewt ta' Ġesù kienet l-IMĦABBA tiegħu għalina... imma bħala kawża, għalkemm sekondarja, jidħol ukoll id-dnub. Ġesù miet frott l-imħabba u għax iħobbna miet sabiex isalvana mid-dnub u mill-ġdid jagħmilna wlied Alla-Missier.

Il-Kurċifiss huwa l-ktieb miftuħ li jirrakkonta mhux biss il-mewt ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem imma wkoll tal-bniedem iben adottiv ta' Alla li għadu qed jiġi maqtul... b'kull mod inġust u inuman. B'liema wiċċ tost nista' niċċelebra b'solennità, b'purċissjonijiet u b'vari, il-festa tal-Ġimgħa l-Kbira u nibqa' indifferenti u b'kuxjenza kwieta quddiem tant imwiet li għadhom qed iseħħu ... frott id-dnub tagħna bħala soċjetà.

**Talba: Mulej Ġesù, int matul il-passjoni tiegħek batejt u mitt għall-bniedem, mal-bniedem u minflok il-bniedem sabiex tagħtih il-veru ħelsien. Għal dan kollu rroddulek ħajr għax fis-Salib tiegħek hija t-tama unika tagħna. Imma Mulej kemm nies, ħutna bnedmin, għadhom qed jiġu maqtula frott id-dnub li għadu qed isaltan fil-qlub imħassra tagħna l-bnedmin. Aħfrilna dnubietna u kun id-difensur ta' kull bniedem li qed jisfa vittma tad-dnubiet ta' l-oħrajn... tad-dnubiet tagħna... tad-dnub tiegħi.**

**Kuntatti ma' P. Philip Cutajar**

Parroquia "La Pastora"
C/Sindico , 4 entre Cuba y Villuendas
Ap.do 144 - Santa Clara
50100 - Villa Clara - CUBA

Tel. 0053 42 206554 Fax 0053 42 208032
E.Mail: dei@cocc.co.cu

**Bank Acc. Capuchin Cuba Mission Fund:**
**HSBC Bank No. 044-023968-050**

minn P. Joe Buttigieg OFMCap

# Il-Kuruna Franġiskana
## jew is-Seba' Ferħat tal-Madonna

### Kif kellha l-bidu u x'inhi l-Kuruna Franġiskana

F'kunvent tal-Patrijiet Minuri ta' San Franġisk, fis-sena 1442, fost in-novizzi kien hemm wieħed żagħżugħ li qabel ma kien daħal mal-patrijiet kellu drawwa sabiħa li jmur iqiegħed kuruna ta' fjuri friski quddiem xbieha tal-Madonna. Iżda meta daħal fil-kunvent ma tantx seta' jmur jiġbor il-fjuri biex ikompli bħal qabel id-devozzjoni tiegħu. Din iċ-ċaħda nislitlu tant niket f'qalbu li qatagħha li jerġa' lura lejn daru biex ikun aktar ħieles li jkompli d-devozzjoni tiegħu.

Qabel ma għamel dan, iżda, ried bħallikieku jieħu parir mingħand il-Madonna. Għaldaqstant resaq lejn l-istatwa tagħha u beda jitlob l-għajnuna tagħha.



"La ssewwidtx qalbek għaliex kellek taqta' d-drawwa li kellek lejja", qaltlu l-Madonna. "Jiena ngħallmek kuruna oħra ta' fjuri li, għalkemm ma jkunux friski bħal dawk li kont iġġibli, jkollhom valur aqwa. Din il-kuruna ma tkunx ta' fjuri li wara ftit jidbielu u jinxfu, jew li ma tistax issibhom dejjem, iżda l-kuruna tkun dik it-talba li biha l-anġlu Gabrijel mar isejjaħli. Għalhekk, għid għal għaxar darbiet l-*Ave Maria* bil-*Gloria Patri* għal seba' darbiet f'ġieħ is-seba' ferħat li jiena kelli meta kont fid-dinja. Jekk inti titlob din il-kuruna kuljum, inti tkun qiegħed toffrili ħaġa li lili tkun togħġobni ħafna u lilek tkunlek ta' ġid kbir."

In-novizz obda u beda jitlob dik il-kuruna b'devozzjoni kbira.

Darba waħda, meta n-novizz ma deherx ma' sħabu l-oħra għall-att komuni li jsir fil-kunvent, il-mastru tan-novizzi mar inkiss inkiss ħdejn iċ-ċella tan novizz biex jara x'kien ġralu. Il-mastru ra anġlu li kien qed isensel kuruna u f'kull għaxar wardiet kien qed iwaħħal ġilju. Hekk kif spiċċat it-talba l-anġlu qiegħed il-kuruna fuq ras in-novizz li kien għarkubbtejh.

Aktar tard il-mastru staqsa lin-novizz x'kien qed jagħmel dak il-ħin li kien baqa' fiċ-ċella tiegħu, u dan wieġeb bis-sempliċità kollha li kien qed jitlob il-kuruna li l-Verġni Mbierka Marija kienet għallmitu xi jiem qabel.

Meta sema' dan, il-mastru ġiegħlu jgħidlu kollox kif kienet sewwa, u n-novizz qallu dan kollu.

Minn dak inhar bdiet din id-devozzjoni tal-Kuruna Franġiskana.

### Is-Seba' ferħat tal-Madonna

1. Meta Marija kienet imħabbra li kellha tkun Omm Alla.
2. Meta Marija marret iżżur lill-qariba tagħha Santa Elizabetta.
3. Meta Marija rat imwieled lil Binha Ġesù fil-għar ta' Betlehem.
4. Meta Marija rat lil Ġesù adurat mill-Maġi.
5. Meta Marija sabet lil Binha fit-tempju f'nofs il-għorrief.
6. Meta Marija rat lil Binha Ġesù mqajjem mill-mewt.
7. Meta Marija telgħet is-sema bir-ruħu l-ġisem.

### Kif titlob il-Kuruna Franġiskana

**Radd tas-Salib**

**Talba:** *Qaddisa Xebba Marija, qatt ma twieldet oħra bħalek fost in-nisa, bint u qaddejja tas-Sultan l-Aktar Għoli u tal-Missier tas-sema. Omm il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu. Itlob għalina ma' San Mikiel Arkanġlu u mal-qawwiet tas-sema kollha u mal-qaddisin kollha, lil Ibnek il-maħbub u l-aktar qaddis, il-Mulej u l-Imgħallem tagħna. Amen.*

**Wara kull ferħa jingħadu Missierna, Sliem u Qaddisa għal għaxar darbiet u Glorja.**

**Talba tal-għeluq:** *Sliem għalik, O Sinjura Qaddisa, u Sultana, Omm imqaddsa ta' Alla, xebba li sirt Knisja! Magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema u minnu kkonsagrata, flimkien ma' Ibnu l-għażiż u l-aktar qaddis, fik kien hemm u hemm mill-milja tal-grazzja u ta' kull ġid. Sliem għalik, palazz tiegħu; sliem għalik, tabernaklu tiegħu; sliem għalik, dar tiegħu; sliem għalik, ilbies tiegħu; sliem għalik, qaddejja tiegħu; sliem għalik, Omm tiegħu! Amen.* ❑

minn Br. Andrè Azzopardi OFMCap

# Nitkellmu ma' P. Silvestru Bonavia OFMCap

***P. Silvestru tista' tgħidilna xi ħaġa dwar tfulitek, il-familja u l-vokazzjoni tiegħek?***

Jien twelidt Ħaż-Żabbar fit-18 ta' Ottubru 1939. Missieri Ġanni u ommi Marija Grazzja (Grima) semmewni Ġużeppi fil-magħmudija. Kont l-aħħar wieħed fost ħafna aħwa subjien u bniet iżda bqajna erbgħa u dan l-aħħar miet ħija Dun Manwel.

L-edukazzjoni tiegħi bdejtha fl-iskola primarja ta' Ħaż Żabbar minn fejn għaddejt għal *Lyceum* fis sena 1949. Niftakar b'għożża u gratitudni kemm ħadu ħsiebi ommi u missieri avolja fi żmien il-Gwerra Dinjija. L-eżempju tal-ġenituri u ta' ħuti kien jimbuttani ħafna. Qatt ma naf li fallejna l-quddiesa u t-tqarbina ta' kuljum filgħodu kmieni ħafna.



Niftakar sewwa lil Fra Karm u lil Fra Antnin, li għadhom mimlijin bl-għomor, kull xahar jgħaddu d-dar għaċ-ċirka. Is-sempliċità u l-ħidma tagħhom kienu jimpressjonawni.

Meta fl-1954 temmejt *Form V* u għaddejt sewwa mill-*G.C.E.* dħalt in-novizzjat, Għawdex, flimkien ma' tmin żgħażagħ oħra.

***Xi tgħid għaż-żmien tal-formazzjoni tagħkom?***

Kien żmien ta' tibdil kbir meta r-riħ tal-Konċilju Vatikan II kien diġà beda jinħass. Studjajt il-filosofija fil-kunvent tal-Kalkara u t-teoloġija f'dak tal-Floriana. F'Ottubru 1958 għamilt il-professjoni solenni u fid-9 ta' Marzu 1963 ġejt ordnat saċerdot fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa.

***X'kien ix-xogħol li wettaqt wara li ġejt ordnat saċerdot?***

L-ewwel xogħol li kelli kien ta' direttur ma' l-istudenti tagħna fil-formazzjoni, il-Kalkara. Sena u nofs wara ġejt mibgħut Għajn Dwieli u fl-istess waqt sirt direttur ta' l-iskola Serafika li kellna l-Floriana. Bdejt ukoll kors tal-Ingliż, Latin u Storja fl-Università ta' Malta u wara li ggradwajt komplejt nispeċjalizza u ħadt il-*B.A. (Hons)* fl-1970. Sa dan it-tant kont sirt promutur provinċjali tal-vokazzjonijiet u direttur tal-istudneti fil-Floriana sal-1974 meta ġejt maħtur segretarju provinċjali ta' P. Pawlu Darmanin, illum isqof ta' Garissa, u li wara miegħu kont ukoll definitur provinċjali. F'dawk is-snin ħdimt fil-provinċja għat-twettiq tal-Liturġija bil-Malti meta ma kienx għad kellna kotba stampati bil Malti.

***X'kien ix-xogħol tiegħek meta kont Ruma?***

Fl-1980 ġejt mitlub mill-Ġeneral P. Paskal Rywalski, permezz tal-Provinċjal P. Crispin Tabone, biex immur għal żmien naħdem il-Kurja tagħna f'Ruma. Kont l-ewwel wieħed li wettaqt xogħol hekk. Il-Kurja Ġenerali domt ftit aktar minn sentejn u ħidmieti kienet l-aktar fis-segreterija u fl-arkivju ta' l-Ordni. Hemmhekk ġejt f'kuntatt ma' ħafna Aħwa li kienu jiġu l-Kurja, l-aktar missjunarji. Il-gost tiegħi kien naqra u nisma' l-esperjenzi diretti tal-missjunarji. Dan kollu beda jberren f'moħħi biex anke jien immur fil-missjoni tagħna ta' Garissa fil-Kenja li kienet għadha kemm twieldet.

Wara li temmejt ix-xogħol li kelli nagħmel, f'Novembru 1982 tlabt biex immur fil-missjoni f'Garissa. Mort għal żjara u rajt b'għajnejja ħafna mix-xogħol li kien qed isir mill-Kapuċċini Maltin flimkien ma' xi sorijiet u voluntieri. Imma qabel ma mort il-Kenja għal kollox għamilt kors ta' sentejn fuq l-ispiritwalità Franġiskana u temmejtu b'liċenzjat fit-teoloġija. Xahrejn wara tlaqt lejn il-missjoni biex ningħaqad ma' ħuti l-Kapuċċini Maltin.

***U fil-Kenja x'ħidma wettaqt?***

Il-Kenja wasalt fit-30 ta' April 1985 u ġejt mitlub mis-Superjur tal-missjoni, P. Francis Baldacchino, illum Isqof ta' Malindi, biex ngħin lil P. Pelaġju fil-ħidma ma' l-aspiranti u l-postulanti tagħna. Fl-istess waqt kont ngħin

## Marija u l-Missjoni tal-Knisja fis-Sena tar-Rużarju

### Siltiet mill-messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja 19 ta' Ottubru 2003

Ħuti l-aktar għeżież,

Sa mill-bidu ridt inqiegħed il-pontifikat tiegħi taħt il-ħarsien speċjali ta' Marija.

Nixtieq li s-Sena tar-Rużarju tkun għall-fidili ta' kull kontinent okkażjoni tajba biex jifhmu aktar xi tfisser il-vokazzjoni nisranija. Fl-iskola tal-Verġni Mbierka u fuq l-eżempju tagħha, kull komunità tkun tista' turi aħjar id-dimensjoni 'kontemplattiva' u 'missjunarja' tagħha. Jekk il-Ġurnata Missjunarja Dinjija, li taħbat proprju fit-tmiem ta' din is-sena Marjana speċjali, tkun ippreparata tajjeb, tkun tista' tagħti spinta aktar ġeneruża lil dan l-impenn tal-komunità ekkleżjali.

Il-Knisja llum hija msejħa biex tagħmel il-wiċċ ta' l-Għarus tagħha jiddi b'dawl aktar qawwi ta' qdusija. F'dan l-isforz mhux ħafif, hija taf li hija megħjuna minn Marija. Mingħand Marija hija titgħallem tkun 'verġni', iddedikata totalment lill-Għarus tagħha Ġesù Kristu, u 'omm' ta' ħafna wlied li hija tnissel għall-ħajja ta' dejjem.

Taħt il-ħarsa attenta ta' Ommha Marija, il-komunità ekkleżjali tikber bħala familja msaħħa bil-qawwa ta' l-Ispirtu li jsawwab id-doni tiegħu fuqha. Waqt li tilqa' l-isfidi ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida, hija tikkontempla l-wiċċ ħanin ta' Ġesù fl-aħwa, speċjalment fil-foqra, f'dawk li huma fil-bżonn, f'dawk li huma mbegħdin mill-fidi u mill-Evanġelju.

Jinħtieġ li jitħejjew evanġelizzaturi kapaċi u qaddisin; jinħtieġ li ma tiddgħajjifx il-ħeġġa fl-appostli, speċjalment għall-missjoni *ad gentes*.

Il-ħidma ta' l-animazzjoni missjunarja għandha tibqa' tkun impenn serju u kostanti ta' kulmin hu mgħammed u ta' kull komunità ekkleżjali.



L-Opri Missjunarji Pontifiċi, ċertament, għandhom rwol aktar speċifiku u partikulari, u jiena nirringrazzjahom għal dak li ġenerożament diġà qegħdin jagħmlu.

Nixtieq nissuġġerixxi lilkom ilkoll li tgħidu aktar ir-Rużarju, waħedkom u ma' oħrajn, biex taqalgħu mingħand il-Mulej dawk il-grazzji li l-Knisja u l-umanità l-aktar għandhom bżonn. Nistieden lil kulħadd: żgħar u kbar, żgħażagħ u anzjani, familji, parroċċi u komunitajiet reliġjużi.

Jekk ir-Rużarju jirregola r-ritmu ta' ħajjitna, jista' jsir strument speċjali biex nibnu l-paċi fil-qalb tal-bnedmin, fil-familji u fost il-popli. Ma' Marija nistgħu niksbu kollox mingħand Binha Ġesù. Megħjunin minn Marija, ma nibżgħux niddedikaw ruħna ġenerożament għax-xandir ta' l-Evanġelju sa truf l-art. ❑

lill-Isqof ta' Garissa Mons.Pawlu Darmanin li bil-kemm kien għad ilu sena isqof, kif ukoll fil-ħidma pastorali fil-Kattidral.

Wara sena u nofs ġejt mitlub nieħu ħsieb bħala kappillan il-ħidma pastorali ta' Garissa u bqajt hekk għal tmin snin sħaħ. Saħħaħt is-*Small Christian Communities* billi bdejt gruppi għall-missirijiet, għall-ommijiet, għaż-żgħażagħ, għat-tfal, għall-istudenti u għall-għalliema. Waqqafna wkoll il-*Catholic Teachers Association* u l-Gruppi Familji Ġodda tal-Moviment tal-Focolare. Għal qalbi ħafna kienu ż-żjajjar li kont nagħmel regolarment fiż-żewġ ħabsijiet ta' Garissa. Ftit qabel tlaqt bdejna *Catholic Bookshop* żgħir.

***Issa li qiegħed it-Tanzanija x'inhu x-xogħol tiegħek?***

Jien qiegħed fl-arċidjoċesi ta' Songea fit-Tanzanija, ftit 'il bogħod mill-belt f'żona pastorali msejħa Ruhuwiko, qrib il-fruntiera mal-Mozambique. Bħalissa qegħdin tliet Aħwa Kapuċċini: jien u żewġ Tanzanjani. Jien nieħu ħsieb l-aktar il-ħidma pastorali; il-patri l-ieħor jagħti kull għajnuna lis-sorijiet klarissi u l-*brother* l-ieħor qiegħed jistudja l-Ingliż biex imur missjunarju fiż-Żambja.

L-arċisqof ta' Songea waqqaf radju tad-djoċesi li l-iskop tiegħu huwa aktar tagħlim nisrani fl-oqsma kollha bħal: Bibbja, liturġija, it-talb, familja, żgħażagħ, tfal, biedja li hawn hija essenzjali, u tant tagħlim ieħor. Jien, li nħobb ħafna x-xandir u li kelli ftit esperjenza qabel, malli beda dan l-istazzjon tlabt lill-arċisqof biex nagħmel programm ta' nofs siegħa fil-ġimgħa: "Kif tgħix l-Evanġelju". Issa għandi żewġ għalliema li qed jgħinuni biex dan il-programm, li issa ilu għaddej sitt snin, jibqa' dejjem jitjieb.

Waqqafna diversi gruppi tal-Moviment tal-Focolare li huma ħafna għal qalbi. Din kienet ħidma ġdida għal kollox hawnhekk u l-arċisqof mhux biss berikni fuq hekk imma sa kiteb Ittra Pastorali fuq din il-ħidma u jixtieq li dawn il-gruppi jixterdu aktar fid-djoċesi.

***U fl-aħħar, għandek xi kelma oħra xi żżid?***

L-aħħar kelma lil dawk li jixtiequ jaqdu fil-missjoni: Taqtgħux qalbkom mid-diffikultajiet. Dawn qegħdin hemm biex joffrulna sfida. Kuraġġ u itolbu ħafna!

Grazzi lilek u nixtieq permezz ta' din ir-rivista rrodd ħajr minn qalbi lill-qarrejja kollha, lill-membri tas-Segretarjat tal-Missjonijiet u lill-ħbieb kollha għat-talb u l-għajnuna kbira li joffru għall-missjoni u għall-missjunarji. ❑

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN FRANĠISK
## FIL-KNISJA TAL-KAPUĊĊINI-FLORIANA

**It-Tlieta 30 ta' Settembru:**
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

6.40 p.m. Rużarju.
7.00 p.m. Quddiesa: Grupp Adorazzjoni/Vokazzjonijiet
Imexxi P. Mario Attard OFMCap.
Ikanta l-Kor ta' l-Istudenti Franġiskani Kapuċċini.

**L-Erbgħa 1 ta' Ottubru:**
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

6.40 p.m. Rużarju.
7.00 p.m. Quddiesa: Gruppi ta' Talb ta' San Piju
Imexxi P. Joe Saliba, Kapuċċin.
Ikanta l-Kor ta' San Piju

**Il-Ħamis 2 ta' Ottubru:**
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

6.40 p.m. Rużarju.
7.00 p.m. Quddiesa: Ordni Franġiskan Sekular / GiFra
Imexxi P. Joe Giuliano OFMCap.
Ikanta l-Kor tal-GiFra.



**Il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru: Lejlet il-Festa**

6.40 p.m. Rużarju.
7.00 p.m. Translazzjoni tar-Relikwa ta' San Franġisk.
Quddiesa Konċelebrata bis-Salmi ta' l-Għasar.
Imexxi P. Crispin Tabone OFMCap, Ministru Provinċjali.
Ikanta l-Kor *Pax et Bonum* immexxi minn Ms Odette Spiteri.

**Is-Sibt 4 ta' Ottubru:**
**FESTA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI**

6.40 a.m. Quddiesa kantata bit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum
Imexxi l-Arċipriet tal-Floriana Fr. Richard Borg
5.40 p.m. Rużarju
6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni bis-Salmi ta' l-Għasar.
Imexxi l-E.T. Mons. Pawlu Darmanin, Kapuċċin, Isqof ta' Garissa, Kenja.
Priedka minn P. Joseph Buttigieg OFMCap.
Tiġdid tal-Wegħdiet Reliġjużi.
Funzjoni tat-Transtu u Barka.
Ikanta l-Kor *Pax et Bonum* immexxi minn Ms Odette Spiteri.

# Missjunarji fostna



Monsinjur Paul Darmanin OFMCap, Isqof ta' Garissa fil-Kenja, bħalissa jinsab fostna għal ftit jiem ta' mistrieħ u fl-istess ħin biex iżur lilna, lill-familjari tiegħu kif ukoll jiltaqa' mal-ħbieb u l-benefatturi tal-missjoni. Nawgurawlu jiem sbieħ u għajnuna mis-sema fil-ħidma tiegħu fid-Djoċesi ta' Garissa fil-Kenja.





Fid-19 ta' Ottubru mistennija jaslu fostna ħutna P. Maurice Cassar OFMCap li qed jaħdem fil-parroċċa ta' Mpeketon, u P. Spiridione Galea OFMCap li qiegħed fil-parroċċa ta' Hola u fl-istess ħin huwa wieħed mill-kunsillieri tal-Viċi Provinċjal u l-Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof ta' Garissa.

Nawgura lil dawn ħutna jiem ta' mistrieħ li tassew jixirqilhom wara ħidma għal tant snin fil-parroċċi rispettivi tagħhom fid-djoċesi ta' Garissa fil-Kenja.



Huwa mistenni wkoll il-Viċi Provinċjal tal-Kenja, P. Isidor Peterhans li ġej jagħmel żjara lill-Provinċja tagħna għall-ewwel darba minn mindu nħatar superjur tal-missjoni fil-bidu ta' din is-sena. Matul din iż-żjara biħsiebu jiltaqa' mas-Superjuri hawn Malta biex jitkellmu fuq l-andament tal-Viċi Provinċja fil-Kenja, kif ukoll ma' diversi ex-missjunarji Kapuċċini Maltin. Nilqgħuh fostna u jalla din iż-żjara tħalli ħafna ġid fostna u fost ħutna fil-Kenja.

## Oħtna l-mewt iżżurna



Nhar il-Ħadd, 17 ta' Awissu 2003, filgħodu kmieni, waslitilna l-aħbar li l-Mulej għoġbu jsejjaħ għal għandu lil oħtna Maria Mercieca.

Maria, minbarra li kienet membru attiv kemm fil-fraternità ta' l-OFS f'Għajn Dwieli kif ukoll fil-Kunsill Nazzjonali OFS, kellha rabta ma' din ir-rivista kif ukoll mal-ħidma missjunarja tas-Segretarjat tal-Missjoni tal-Kapuċċini. Fil-fatt hija kienet fuq il-bord editorjali sa mill-1993 u baqgħat sa ftit xhur ilu sakemm saħħitha kienet tippermettila. Il-preżenza tagħha fuq dan il-Bord kienet ta' għajnuna u support mhux biss għar-rivista u t titjib li din għamlet matul dawn l aħħar għaxar snin, imma wkoll għas-sehem tagħha fl-animazzjoni missjunarja speċjalment fost iż-żgħażagħ Franġiskani li kienet tant tħobb u tant iddedikata għalihom fiċ-Ċentru tal-Floriana. Maria kienet tħeġġeg lil dawn iż-żgħażagħ jiktbu ta' kull xahar f'din ir-rivista, u hija wkoll ġieli kitbet, l-aħħar darba f'Ġunju ta' din is-sena. Lil Maria ngħidulha grazzi bħalma l-Mulej qed iroddilha ħajr għal dejjem tal-ħidma tagħha b'riżq l-Evanġelju ta' Kristu fuq il-passi ta' San Franġisk.

Il-funeral sar fil-knisja parrokkjali tal-Fgura l-għada t-Tnejn. Mexxa l-konċelebrazzjni l-kappillan Fr. Joe Saliba OC u miegħu, fost l-oħrajn, ikkonċelebraw diversi Aħwa Kapuċċini.

Agħtiha, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

***Fir-ritratt tidher Maria Mercieca (xellug), flimkien ma' Claire Xerri li issa hi Sr. Claire Agnès, soru Klarissa.***

## Bazaar b'riżq il-missjoni

Fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana, ħdejn il-kunvent tal-Kapuċċini, il-Floriana, ser isir BAZAAR b'riżq il-missjoni bejn l-24 u t-30 ta' Novembru 2003.

Int tista' tgħin billi:

- iżżur il-Bazaar u tixtri li jkollok bżonn
- toffri anke oġġett wieħed għal dan il-Bazaar, bħal *preserve*, pjanti, kotba, oġġetti ta' tiżjin, eċċ. (ma nixtiqux ħwejjeġ).

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
Fr. Joe Alessandro
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana VLT 14
Tel. 21 233 874 (Uffiċċju Missjoni)
jew 21 225 525 (Kunvent)



## PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA

P. Raniero Zammit OFMCap għadu kemm ħareġ ktieb ġdid ta' riċerka, bl-isem ta' **Profili Bijografiċi ta' Slimiżi Magħrufin**, dwar personalitajiet li twieldu f'Tas-Sliema jew li għexu għal xi żmien u mietu hemmhekk. Jinkludi wkoll personalitajiet barranin li b'xi mod kellhom konnessjoni ma' Tas-Sliema.




Il-ktieb jiġbor fih mal-mitejn bijografija ta' personaggi li bosta minnhom jidher ir-ritratt tagħhom. Id-Daħla tal-ktieb saret minn Dr. Ċensu Tabone, President Emeritus, filwaqt li l-Preżentazzjoni hija tal-Kav. Dott. Tonio Portughese, President tas-Società Filarmonica Sliema li, flimkien mal-Kunsill Lokali Sliema u mal-Kennedy Nova Hotel, sponsorjaw dan ix-xogħol. Il-ktieb, ta' 264 paġna, ġie stampat mill-PEG Ltd ta' San Ġwann.

Il-Provinċja Franġiskana Kapuċċina qed tippublika l-ktieb **Il-Kapuċċini fil-Kalkara** bħala tifkira u rispett lejn Patri Joseph Garzia OFMCap li ħalliena ftit tax-xhur ilu. P. Garzia ħabb minn żgħożitu l-kunvent ta' Santa Liberata tal-Kalkara u għex fih għal ħafna snin. Kien il-post li ġibdu biex jikkonsagra ħajtu lil Alla bħala reliġjuż Franġiskan Kapuċċin.




Patri Joseph Garzia fittex ħafna fuq kif inbena l-kunvent u l-knisja tiegħu u fuq l-attivitajiet li saru hemm. Dan it-tagħrif instab miġbur fil-kamra tiegħu u kien bi ħsiebu jippubblikah. Il-ktieb, ta' 288 paġna, jiġbor fih tagħrif storiku mżewwaq b'għadd ta' ritratti li żgur jagħmluh interessanti għall-qarrejja. Ġie stampat fil-*Veritas Press*, Żabbar.

NOVELLA

minn Jeanette Falzon

# Dell mill-imgħoddi

Daniela ħarset lejn l-ittra qadima li sabet f'qiegħ ta' kaxxa fejn kienu jżommu id-deheb tal-familja u qabadha l-bard. Fuq l-envelop safrani għarfet il-kaligrafija ta' ommha u ġiet bejn ħaltejn tiftaħhiex jew le. Wara li damet tippassiġġa bl-ittra f'idejha, imbagħad iddeċidiet li tiftaħha qabel ma jiġu ħutha mill-iskola.

Poġġiet bilqiegħda u, b'idejha jirtogħdu, bdiet taqra l-kliem sofor li ommha kienet kitbet tnax-il sena qabel, jekk mhux iktar. Hi u taqra, bdiet iġġib quddiem għajnejha ħajjitha u ħajjet ħutha f'dawk l-aħħar tnax-il sena, u lanqas setgħet temmen kif dik l-ittra ġiet f'idejha eżattament f'għeluq it-tnax-il sena mill-mewt t'ommhom.

Missierhom ma kienx ilu mejjet wisq meta Daniela ta' għaxar snin, Patrick ta' tmien snin u Amanda ta' ħames snin sfaw iltiema minn ommhom ukoll. Kienu familja tat-tajjeb iżda id-dar, minbarra għamara prezzjuża, kienet mimlija wkoll bi ġlied kontinwu għaliex ommhom u missierhom ma kienu jaqblu f'xejn. Hu kien kwiet iż-żejjed u hi fuq tagħha u xalatura. It-tfal kienu spiċċaw jitrabbew minn *nanny* għaliex missierhom kien ikun dejjem imsiefer fuq xi xogħol u ommhom kien ikollha xi kors fid-drama jew tiġġerra mal-ħbieb. Għalhekk Daniela, bħala l-kbira fost l-aħwa, kienet ftit jew wisq imdorrija iddur b'ħutha, għalkemm hi stess kienet għadha żgħira wisq għal ċerti responsabbitajiet adulti.

Daniela kellha tkompli tikber wisq malajr għaliex fi żmien sena u għalarrieda, l-aħwa tilfu kemm lil missierhom kif ukoll lil ommhom. Kienet hi li sabet lil missierha mejjet id-dar meta kien għad għandha għaxar snin, u minn dak in-nhar ommha bdiet tbati minn dipressjonijiet kontinwi. Dejjem tibla' l-kalmanti u l-ftit li kienet baqgħet toħroġ kienet tidħol lura id-dar fis-sakra jew tidħol jumejn wara. Il-ftit drabi li kienet tkun f'sikkitha kienet toħroġ bit-tfal, tfissidhom, tixtrilhom kulma jridu u kienet tkun bħal omm normali, dik l-omm li huma qatt ma kellhom. Meta kienet tkun ħażin lanqas kienet tkun trid tarahom b'għajnejha, u allura kienet tibgħathom għand oħtha.

Baqgħet sejra hekk sakemm darba telqet mid-dar u ma reġgħetx ġiet lura. Kienet Daniela li saret taf x'kien ġralha bi żball hi u tisma' lil zijitha tibki fuq it-telefon. Ommhom kienet qabżet bil-karozza b'kollox ġo baħar imqalleb f'ġurnata xitwija.

Iz-zija Anna qatt ma riedet titfagħhom f'xi kullegg barra minn Malta bħalma kienu qalulha biex tagħmel ħutha l-oħra, iżda ddeċidiet li tmur toqgħod għandhom imqar sakemm tikber il-kbira fosthom u tibda iddur bihom hi.

Kif Daniela għalqet l-għoxrin sena, zijitha ħallitilha d-dar u l-familja f'idejha. Il-flus tal-familja naqsu bil-bosta,



għalhekk Daniela kellha toħroġ mill-università kmieni biex tibda taħdem ma' dentist u tressaq il-flus id-dar. Lil ħutha ħalliethom l-iskola u hi bdiet tmexxi dik id-dar kbira għalxejn.

Fi tnax-il sena, it-tliet aħwa ltiema ma batewx biss is-solitudni iżda wkoll l-għajdut tal-ġirien, għajdut li jweġġa' u li kien ifakkarhom minn xiex kienet għaddiet il-familja tagħhom. Ma kienx faċli tgħix bħala wlied żewġ imġienen,

żewġ egoisti, żewġ imdejqa jew żewġ dgħajfa. Hekk kienu jistmawhom it-taparsi ħbieb u qraba tal-ġenituri tagħhom.

Kibru u bdew jissetiljaw naqra naqra. Dak li kien ġara żmien ilu f'dik id-dar u f'ħajjithom qatt ma kienu jsemmuh bejniethom, anzi kienu jagħmlu ta' bir-ruħhom li qatt ma kien ġara xejn. Kienu jgħixu f'ħafna għaqda u b'hekk setgħu jderru ftit mill-passat makabru tagħhom. Baqgħu magħqudin sakemm darba Patrick urihom ix-xewqa li ried isiefer lejn l-Awstralja biex isib xogħol interessanti ma' ħabib tiegħu li kien ħajru biex jitilgħu jippruvaw flimkien. Kellu jitlaq mill-università u jigi lura Malta għas-sajf biss. Daniela ħaditha bi kbira wisq l-aħbar tant li bdiet tkellmu mill-inqas, avolja taħt l-istess saqaf. Patrick xorta għamel ta' rasu u siefer ma' sieħbu. Sena wara, fis-sajf, reġa' lura għal btala f'Malta. Daniela bilkemm aċċettatu f'darhom iżda ma setgħetx ma taċċettahx għax dik kienet għadha daru. Amanda, iż-żgħira fost l-aħwa, kienet ħasset wisq in-nuqqas ta' ħuha u Daniela iktar u iktar kellha tibla' d-dispjaċir tagħha u taċċettah lura d-dar, għalkemm għal ftit. Mhux talli kellha taċċetta lilu, iżda ħuha kien talabha wkoll taċċetta lil sieħbu f'darhom għax-xhur tas-sajf.



"Mela qed taħsbu lukanda hawn ġew? Tridu jiġi joqgħod magħna wara li kien hu stess li fired il-familja tagħna meta ġennek biex tmur miegħu 'l bogħod minna?" kienet weġbitu oħtu rrabjata.

"Jien għandi wieħed u għoxrin sena u kbir biżżejjed biex niddeċiedi għalija nnifsi ... ħadd ma' ġenninni għal imkien, mort minn jeddi. Ser inġib ħassiela biex tikklirja l-kamra l-magħluqa ... x'nambuha hemmhekk dejjem magħluqa? Issa għadda biżżejjed żmien, ħwejjiġhom nistgħu narmuhom. Robert ser joqgħod ġo fiha għal dawn ix-xahrejn u mhux ser nerġa' ndur fuq id-deċiżjoni tiegħi" weġibha.

"Taqbad u tiddeċiedi hekk, waħdek? Dan Robert qatt ma rajnieh b'għajnejna, u issa ser iġġibu joqgħod f'darna, ġo dik il-kamra, imbagħad?" qalet Daniela infurjata.

"Iddeċidejt Daniela, mhu ser idejjaq lil ħadd u għal ftit" wieġeb Patrick, u telaq minn ħdejn oħtu.

Xi jumejn wara ġew xi nies biex jiżbarazzaw il-kamra tas-sodda li kienet ilha żmien twil ma tinfetaħ jew tintuża. Kif daħlet ġo fiha, Daniela ħasset bħal dehxa bard ma' ġisimha kollu, u bdiet iddur mal-kamra, hi u tiftakar fil-ftit drabi meta kienet torqod bejn ommha u missierha għax kienet tibża' mir-ragħad bil-lejl. Kollox kienu ħallew kif kienu ħallew ommhom u missierhom qabel ma mietu, kollox f'postu, bil-ħwejjeġ sbieħ tagħhom imdendlin fil-gwardarobba kbira tal-kewba mastizz, il-ġojjeli ta' ommhom fuq it-twaletta, u l-pitturi li kien pinġa missierhom imwaħħlin mal-ħitan sofor ta' dik il-kamra.

X'ħin resqet lejn it-twaletta, ħarset lejn ir-ritratt ta' dik il-koppja li xi darba fil-bogħod kienet ferħana. Dak kien l-uniku ritratt tagħhom li kont għadek issib f'dik id-dar imdallma u kbira għal xejn. Anki huma kienu ferħanin xi darba, qabel ma miet missierhom. Imbagħad, wara, ommhom temmet ħajjitha dak in-nhar ta' għeluq sninha stess. Bdiet tqalleb fid-deheb prezzjuż ta' ommha, u f'qiegħ il-karijon tal-ġojjelli sabet ittra safranija ssiġillata. Fetħitha u bdiet taqraha tgħajjat:

"Għeżież uliedi,

Naf li qatt ma' kont omm eżemplari għalikom u li trabbejtu weħidkom. Għalxejn dan il-lussu kollu għax naf li xorta kontu tħossukom weħidkom. Il-ġlied ta' bejnietna kien jifnikom iżda xorta waħda konna nħobbukom fi żwieġ li qatt ma kellu jsir. Ma rridux inkunu iżjed ta' piż għalikom. Mingħajrna żgur tgħixu aħjar. Il-papà sar jaf li marid bla tama u ma xtaqx jitfa' l-piż ta' din il-marda fuqkom li għadkom tant żgħar. Jien ma rridx inqatta' l-kumplament ta' għomri ġo manikomju. Ma rridkomx tinqerdu miegħi kull meta tiġu tarawni niġġennen hemm ġew. Aħjar mingħajri. Għandkom min irabbikom u min iħobbkom. Jien qatt ma kont kapaċi nagħmel dan, iktar u iktar issa li waħdi. Jalla ssibu din l-ittra la tikbru u tkunu ssetiljati, forsi tifhmuna aħjar. Intom x'intom illum, jien kburija bikom, u missierkom ukoll. Aħjar li kieku jien għext imqar ġurnata waħda ta' ljun u temmejt ħajti inutli b'kuraġġ kbir milli inkompli ngħix il-ġranet tiegħi ta' nagħġa marida. Uliedi, aħjar tkomplu tikbru weħidkom milli ma' omm miġnuna bid-dispjaċir u bl-għali u ma' missier marid għal għomru. Aħfrulna jekk tistgħu u lbqgħu magħqudin, jiġri x'jiġri. Tinfirdux għall-ebda raġuni f'din id-dinja".

Kif qrat l-ittra ħassitha taħraq f'idejha, telqitha fl-art, u ħarġet tiġri minn dik il-kamra tal-biża'. Hi u tiġri, bilkemm ma bdietx ixxomm riħa ta' demm. Waslet fil-kċina u ħadet in-nifs. Fil-kċina kien hemm ġuvni li nħasad x'ħin ra tibki u bla nifs.

"Ġralek xi ħaġa? Nista' ngħinek? Jien il-ħabib ta' Patrick. Dalwaqt jiġi" qalilha hu u jgħinha tpoġġi bilqiegħda.

"X'waħda din! X'għamlulna b'idejhom stess!" qalet it-tfajla mwerwra. "Kif nista' ngħinek!" qalilha mferfex. Ħarset

f'għajnejh u qaltlu: "Għandi bżonn nitkellem ma' xi ħadd ... din il-ħaġa ma nistax inżommha ġo fija. Mur fuq, idħol fil-kamra fejn hemm il- bieb magħluq, hemm ittra fl-art ... iġborha u aqraha jekk jogħġbok. Għinni!"

Il-ġuvni obdieha u reġa' niżel ħdejha malajr. Qraha malajr. Lil Patrick ma kienx ilu jafu iżda kien innota li qatt ma kien jitkellem dwar il-ġenituri tiegħu li kienu ilhom mejta ħafna. Hares lejha, tħassarha u għannaqha miegħu.

"Iż-żmien inessi sinjorina, jew almenu jtaffi l-uġigħ. Naf x'jiġifieri. Jien ukoll tlift lil missieri żgħir. Il-ħajja tkompli ... l-aqwa li m'intix waħdek ... għandkom lil xulxin" qalilha.

"Qed jiddispjacini l-iktar għax f'dawn is-snin kollha, bnejna mibegħda kbir lejhom u sħetniehom kemm-il darba, sakemm ma bqajniex insemmuhom, qishom qatt ma kienu jeżistu. Qatt ma tlabna għal ruħhom, anzi għamilna minn kollox biex ninsewhom. Kif issa kelli nsib din l-ittra wara dan iż-żmien kollu! Biedu jeħilsuna minn ħajja miżerabli magħhom iżda ġegħeluna ngħixu f'ħajja ta' solitudni u mibegħda lejhom" qaltlu iktar kalma. Baqgħu fil-kwiet, sakemm ftit wara, ġew Patrick u Amanda.

"Mort għaliha jien illum! Mela int hawn Robert? X'ġara? Kellek xi tgħid diġà miegħu Daniela?" qal Patrick.

"X'inti bajda Dan, ma tiflaħx jaqaw?" qaltilha Amanda hi u tgħannaqha. "Le, jien mhux ħażin issa ... poġġu bilqiegħda, għandi x'ngħidilkom u x'nurikom fuq kollox" qaltilhom. Tat l-ittra lilu u beda jaqraha b'leħen għoli. Robert kien ser jitlaq minn ħdejhom iżda Daniela waqfitu.

"Ibqa' hawn, jekk jogħġbok ... mingħajr ma kont taf għentni ħafna biex naċċetta li ġara u biex nagħmel kuraġġ u nuri b'kollox lil ħuti" qaltlu. U l-ġuvni baqa' ħdejhom.

"Issa x'suppost nagħmlu? Issa li hemm hemm, tfulitna għaddiet u huma laħqu għafġuhielna. Qatt ma kienu jaqblu f'xejn iżda f'din it-traġedja qablu. Iddeċidew għalina u iktar għamlulna deni" qal Patrick kif qara l-ittra.

"M'hemmx x'nagħmlu wisq! Almenu issa nafu l-verità kollha. Ilna tnax-il sena ma nitkellmux fuq li ġara u fuqhom. Issa l-waqt li niżvugaw" qalet Daniela.

"Din id-dar kienet tbeżżagħni wisq. Issa li naf il-verità, naqra inqas" qalet Amanda.

"Jien inħossni striħajt issa" qalet Daniela.

"Ħajjitna mhux ser tinbidel issa, imma għallinqas, issa qed naffaċċja l-passat" qal Patrick u għannaq lil ħutu miegħu.

Dak in-nhar stess Daniela ddeċidiet li tmur fuq il-qabar tal-ġenituri tagħhom. Ħaditilhom ftit fjuri u Amanda u Patrick marru magħha. Ħaslu l-qabar u ksewh bil-fjuri, imbagħad qagħdu jħarsu fil-kwiet lejn ir-ritratti tagħhom.

"Kemm kienet sabiħa l-*mummy*" qalet Amanda.

"Veru, u kellha vuċi sabiħa wkoll. Il-pa' kien iħobb ipenġiha meta ma kienx ikun xogħol" weġibha Patrick.

"Il-firda ta' bejniethom u tagħhom minn magħna, ġegħlitna nibqgħu maqgħudin, il-kontra li għamlu huma" qalet Daniela.

"U ser nibqgħu maqgħudin! Inwegħedkom. Sibt xogħol hawn Malta u ser inkompli nistudja l-università. Robert tħajjar jibda jistudja wkoll" qalilhom Patrick huma u ħerġin miċ-ċimiterju.

"Tassew? Kemm qed nieħu pjaċir nisimgħek tgħid hekk" qalet Amanda hi u tgħannqu.

Kif waslu id-dar, l-aħwa komplew jiżbarazzaw il-kamra tal-ġenituri tagħhom. Refgħu r-ritratt u l-pitturi u qasmu d-deheb bejniethom. Iddeċidew li jbigħu d-dar u jixtru appartament kull wieħed fejn xulxin. Daniela reġgħet qabdet tistudja u taħdem inqas biex setgħet issib ħin toħroġ ma' Robert.

Għadda ż-żmien u t-tliet aħwa żżewġu. Ta' kull sena kienu jmorru jżuru l-ġenituri tagħhom iċ-ċimiterju. L-imgħoddi ma kienx baqa' fid-dlam u għalhekk setgħu jgħixu futur iktar imdawwal. Tgħallmu jaċċettaw il-passat u d-dellijiet f'ħajjithom ma tfaċċawx iżjed. ❑


# LOTTERIJA KBIRA TAL-MILIED

## B'risq il-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja



***L-1 Premju: Vjaġġ għal Tnejn***

*għal tlett iljieli, bl-Ajru għal Ruma u lura (bed & breakfast) ġentilment mogħtija mill-Air Malta u minn Trinatours Ltd.*

***It-2, it-3 u r-4 Premju: Hamper Kbir tal-Milied***

*(Kull hamper ikun fih whisky, liqueur, inbid, ħelu u affarijiet ta' l-ike*

*Ġentilment miġbura mis-Sinjuri Antida u Joe Gauci.*

*Kull pakkett fih 12-il biljett li għaxra minnhom jinbiegħu bl-20ċ-il wieħed u t-tnejn l-oħra jkunu b'kumpliment għal min ibigħhom. Min jixtieq minn dawn il-pakketti jista' jikkuntattja lil Fr. Joe Alessandro, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14. Tel: 21 233 874 – 21 234 949 – 21 225 525*

# Il-Missjunarju

*minn P. Wistin Attard OFMCap*

Dik il-ħarsa ta' ħniena ħassejtha
Nieżla f'qalbi, xħin ħares mibluħ,
Bilkemm jiflaħ ilissen il-kelma
Għajnejh niedja, daqs qalbu, bid-dmugħ.

Fuqi rfajtu, kellimtu bil-ħlewwa;
Tħaddan miegħi, għannaqni bi fsied,
Tani ħarsa miksura w bil-biki:
"Għandi l-mamma qed tmut..." Fhimtu x'ried.

Qbadt lit-tfajjel minn driegħu u tlaqna
Minn ġol-masġar bil-ħeffa mixjin
Fuqi mrikkeb, imbikkem, bla sabar
Ħdejn imħabbtu li naslu fil-ħin.

Stagħġibt bih kif ġie waħdu bil-mixi
Sewwa sew kien għad għandu sitt snin!
Kemm imħabba ġo qalb għadha tiftaħ!
Lilha għandu, ħadd iżjed, miskin.

Wara mixja li tgħejji wasalna.
Ġo biċċa għalqa stajt nilmaħ l-għarix.
"Hemmhekk qiegħda l-mamà," qalli jolfoq.
Dħalt u sibtha fuq firxa ħaxix.

Hekk kif ratni b'ħarsitha mifluġa
Id-dmugħ feġġ fuq ħaddejha sfajrin;
Riedet taf fuq dak Alla li binha
Kemm-il darba semmielha b'ħanin.

Taħt id-diqa tbissmitli kif tgħammdet,
Smajt nifisha jispiċċa fix-xej'.
"Ħu ħsieb ibni," talbitni bil-ħniena.
Taret ruħha fi ħdan il-Mulej.

Ħriġt mill-kmajra bit-tfajjel f'idejja
Jibki 'l ommu bla nifs, lura mort.
Żammejt kelmti, hadt ħsiebu kif wegħedtha,
Bħal missieru sal-firda bih dort.

Għax jaħasra, il-mewt t'ommu wisq ħassha,
Kuljum jibki biex tiġi hawn ħdejh.
Flok ġlet hi, mar hu ħdejha jgawdiha
X'ħin għalaqhom għal dejjem għajnejh.

# TISLIBA 37

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap*



1. Biex timxu sewwa skond din. (Efes 4, 1) (5)
2. Mart Ħuża. (Lq 8, 3) (6)
3. Ix-xabla *tilma* fid-dija. (Naħ 3, 3) (5)
4. Għad tkun ... bl-għajb. (Għabd 10) (5)
5. Missier Għanak. (Ġoż 15, 13 (4)
6. Ħalla l-mantar hawnhekk. (2 Tim 4, 13) (5)
7. Spiċċa b'dawk ta' l-... (Mt 20, 8) (5)
8. Imlejtu bih lil Ġerusalemm. (Bar 4, 8) (5)
9. Fil-... li int ħriġt. (Dt 16, 6) (3)
10. Bogħaż sellem lil dawn. (Rt 2, 4) (7)
11. u 12. Ġie maqtul minn Menaħem. (2 Slat 15,14) (6)
13. Kienu barranin għall-pajjiż. (1 Mak 1, 44) (6)
14. Ħa tlieta bħalha. (Lev 8, 26) (5)
15. Għana ... mit-teżori. (Lhud 11, 26) (5)
16. Din kienet Kristu. (1 Kor 10, 4) (5)
17. U *iktar tqil* mid-dlam. (Għerf 17, 21) (5)
18. Fih ma hemmx minn dan. (1 Ġw 2, 10) (7)
19. Tawni l-ikel u dan (Hos 2, 7) (4)
20. Kbira u għammiela din. (Neħ 9, 35) (3)
21. Ħierġa minn David (Apk 5,5) (5)
22. Ta' xorb din. (Żak 12, 2) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' AWISSU / SETTEMBRU:***

*1. u 5. Niżżi ħajr; 2. Kewkba; 3. Insib; 4. Daħku; 5. Ara 1.; 6. Faqar; 7. Iħenn; 8. Akaja; 9. Żak; 10. Inkorla; 11. u 12. Pagani, 13. Naħbat, 14. Isħnu; 15. Pwali; 16. Kusan; 17. Inbid; 18. Selewku; 19. Lsir; 20. Ħin; 21. Nbill; 22. Arani.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija: Ms. Rose Bezzina – Għargħur**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1996).**

minn Br Andrè Azzopardi OFMCap

# "Ejjew u taraw" (Ġw 1, 39)



"Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, f'kollox jaħdem id f'id magħhom għall-ġid, ma' dawk li huma msejħin skond il-providenza tiegħu" (Rum 8, 28). Dan il-kliem nista' ngħid li kien ta' kuraġġ kbir fil-mixja vokazzjonali tiegħi. Nistqarr li kull darba li nħares lura lejn il-passat, dejjem nagħraf kemm Alla kien fidil miegħi. Vokazzjoni hi dejjem grazzja li toħroġ mill-qiegħ tal-qalb ta' Alla u tissawwar fil-persuna biex din tagħmel ħafna frott. Hu għalhekk li kull darba li nikteb l-esperjenza vokazzjonali tiegħi nerġa' nagħraf kif il-Mulej mexxa l-ħajja tiegħi u kemm kien ġeneruż miegħi mingħajr ma jistħoqqli. Niftakar ukoll f'dawk il-persuni li għenuni biex nagħmel din il-mixja, u ta' dan irrodd ħajr lil Alla għalihom.

L-ambjent li fih trabbejt id-dar kien art għammiela biex is-sejħa li għamilli l-Mulej stajt inwieġeb għaliha. Ma' dawn nixtieq inżid ukoll xi saċerdoti li kienu jaħdmu fil-parroċċa li minnha ġej jiena. Minkejja l-età tagħhom dejjem rajt fihom ħeġġa kbira biex iressqu lill-poplu għand Alla. Ma nistax ma nsemmix ukoll xi saċerdoti tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li ħadmu fl-Oratorju ta' Birkirkara. Dawn ukoll għenuni sa minn mindu kont tfajjel ċkejken biex nitrawwem fl-imħabba għas-servizz ta' l-altar. Iż-żmien li qattajt fil-Kulleġġ Santu Wistin kien providenzjali għalija. Hemmhekk iltqajt ma' żewġt iħbieb li għenuni ferm biex dawk l-eżempji sbieħ li rajt inkun nista' nsarrafhom fir-realtà.

Kien f'dan iż-żmien li bdejt nattendi xi gruppi tal-vokazzjonijiet. Xtaqt li nagħraf iżjed jekk din kenitx sejħa verament minn Alla jew le. F'Awissu tal-1992, flimkien ma' oħrajn li konna nattendu għal-laqgħat tal-vokazzjonijiet tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, morna ġimgħa Assisi. Iż-żjarat f'postijiet li għandhom rabta ma' San Franġisk kif ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi li ħadna sehem fihom matul dawk il-jiem kienu għajnuna biex inkompli ninżel fil-fond tas-sejħa li l-Mulej kien qed jagħmilli. Malli ġejt lura Malta kont ftaħt qalbi ma' saċerdot li flimkien miegħu bdejt nagħraf iżjed aħjar il-pjan ta' Alla għalija.

Fl-istess mumenti ta' dlam u indeċiżjoni li kont għaddej minnhom, il-Mulej ipprovdieli persuna li permezz tagħha sirt naf iżjed mill-qrib il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini. Kien f'dan il-mument li ħassejt li għandi nikteb lil Fr. Joseph Giuliano OFMCap li dak iż-żmien kien jieħu ħsieb il-promozzjoni vokazzjonali tal-Provinċja. L-esperjenzi li għamilt fil-kunvent qabel ma dħalt għenuni nagħraf iżjed il-karizma u l-identità tal-Patri Franġiskan Kapuċċin.

Il-5 ta' Ottubru 1995 kien il-bidu tal-ħajja reliġjuża tiegħi. Matul is-snin għaraft iżjed l-istedina li l-Mulej għamel lil Indri u lid-dixxiplu l-ieħor meta qalilhom: "Ejjew u taraw" (Ġw 1, 39). Din l-istedina nħoss li l-Mulej għadu jagħmilhieli kuljum. Illum ninsab fl-aħħar sena ta' l-istudji tiegħi. Il-mumenti ibsin ma naqsux iżda kien hawnhekk li rajt kemm Alla hu ragħaj li jmexxik f' "mergħat kollhom ħdura".

Filwaqt li nħares 'il quddiem nitolbu sabiex, permezz tal-grazzja tiegħu, ma nħallix il-ħrara tibred fija iżda nitħeġġeġ iżjed għalih. B'hekk inkun nista' ningħata għalih f'ħuti l-bnedmin (ara Rum 12, 11).



# *Jekk tixtieq tagħti s-sehem tiegħek biex l-Ordni Kapuċċin, mibdi u mgħejjun fil-Kenja mill-Missjunarji Kapuċċini Maltin, ikompli jikber u jagħmel il-ġid fil-Kenja agħmel BORŻA TA' STUDJU*



**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien.Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil**
**Fr. Joe Alessandro,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,**
**Floriana**
**Tel: 2123 3874**
**2123 4949**
**2122 5525**